# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2024

**6 – 10 ta' Novembru**
MFCC – Ta' Qali

**#dinjietjirrimaw**



**PROGRAMM TAL-ATTIVITAJIET**

**ktieb.org.mt**
@maltabookfestival

Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jibni fuq tradizzjoni għanja li tmur lura deċennji ta’ snin, filwaqt li jaddatta u jevolvi maż-żminijiet. Dan jagħmlu

# l-akbar avveniment li għandu x’jaqsam mal-kultura tal-ktieb f’Malta

Nies minn kull qasam tal-ħajja, żgħar u kbar, jistennew b'ħerqa dan il-Festival li din is-sena se jittella' bejn is-6 u l-10 ta' Novembru fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC). Għal ħamest ijiem sħaħ pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba, illustraturi, tradutturi u awturi jiltaqgħu taħt saqaf wieħed biex jippromwovu l-kotba tagħhom lill-pubbliku.

L-ispirtu tal-edizzjoni ta' dis-sena jinġabar fit-tema

# #dinjietjirrimaw

turija tal-proċessi varji li jikkaratterizzaw lill-industrija tal-pubblikazzjoni u li jibdew minn sempliċi idea għal ktieb lest fuq l-ixkaffa. Bis-saħħa ta' dil-logħba bil-kliem, id-'dinjiet' imsemmija jsorru fihom il-kapaċitajiet u s-sengħa ta' kull professjoni f'din l-industrija: mill-kitba sal-illustrazzjoni, l-istampar, l-illegar u l-bqija. 'Dinjiet' li 'jirrimaw' għax jaħdmu f'sinerġija.

L-eluf ta' persuni li s-soltu jattendu l-Festival se jkunu jistgħu jħarsu mill-qrib lejn dawn id-'dinjiet' bis-saħħa ta' workshops u masterclasses li se jittellgħu apposta biex jiftħu tieqa fuq dawn il-professjonijiet, u biex anki min hu interessat itejjeb senegħtu jiġi u jisma' l-pariri ta' min hu mgħallem – kemm jekk dwar il-kitba, l-illustrazzjoni, l-illegar jew oħrajn. Il-Festival se jkun qed jiffaċilita t-tlaqqigħ tal-pubbliku ma' ċelebritajiet letterarji internazzjonali, kif ukoll ma' dawk lokali.

Żvilupp ta' min jinnota fl-edizzjoni ta' dis-sena hu n-numru ta' stands personalizzati li se jkompli jsebbaħ lill-avveniment u jagħtih karattru uniku magħmul mill-imsieħba fl-industrija, kif ukoll it-teħid tal-akbar spazju fl-MFCC iddedikat għall-esebituri.

# FROM ILLUSTRATION TO BOOK

## *From Illustration to Book* hija esebizzjoni bi sħab bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti, li tħares lejn l-evoluzzjoni tal-illustrazzjonijiet f'Malta.

It-tielet edizzjoni tal-esebizzjoni tinqasam f'ħames sezzjonijiet. 'Maltese Illustrated Characters' tiffoka fuq karattri klassiċi u kontemporanji li ħallew marka fuq l-immaġinazzjoni letterarja kollettiva. 'Illustration Today' u 'MCOI *Illustration Annual 2024*' jiffukaw fuq uħud mill-aħjar xogħlijiet tal-illustraturi u d-disinjaturi kontemporanji. 'Artist Spotlight' tixgħel bozza fuq żewġ illustraturi prolifiċi: Frank Schembri u Moira Zahra. Finalment, 'From Idea to Illustration' tberraħ il-vjaġġ mill-kunċett għad-disinn, li jirriżulta għall-illustrazzjoni finali.

From Illustration to Book

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb · Arts Council Malta · MCAST · MCOI · Gutenberg

# GĦADA JIBDA BL-GĦ

PRATTIKI SOSTENIBBLI WAQT
IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2024

## IL-VIŻJONI ĦADRA TAGĦNA

Nużaw mill-Ġdid. Innaqqsu. Nirriċiklaw.
Innaqqsu l-Istampar.
Lejn Festival Mingħajr Plastik.

Benna
Fresh Milk Products

### GAWDIH MINFLOK TAĦLIH

Lejn futur bla ħela.

THE ENERGY & WATER AGENCY

### UŻA L-ILMA U L-ENERĠIJA BIL-GĦAQAL

Skennja l-kodiċi QR għal pariri dwar l-użu tal-ilma u l-enerġija.

PISCOPO gardens

### INSAQQU LIL PAJJIŻNA

Nikkultivaw in-natura, is-sostenibbiltà u l-edukazzjoni.

GUTENBERG
PREPRESS • PRINTING • POSTPRESS

### EKO-KOTBA

Stampar sostenibbli b'inqas impatt.

MALTA • COMMUNITY • OF • ILLUSTRATORS
ARTS COUNCIL MALTA

### ARTI SOSTENIBBLI

Kif tista' tkun Malta 20 sena oħra?

water services corporation

### IMLA L-FLIXKUN

Żur il-buggy tal-ilma fejn id-Dħul.

IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2024

## FLIMKIEN GĦAL FESTIVAL ĦADRANI

Intellgħu avveniment eko-konxju għal futur sostenibbli!

# IR-ROKNA TAL-KTIEB

migjuba lilkom minn

## Piscopo Gardens



PISCOPO gardens

One of Life's Little Pleasures

Triq Tony Camilleri, Burmarrad | tel: 2158 3755
234, Tris is-Santwarju, Żabbar | tel: 2780 9473

piscopogardens.com

# L-ERBGĦA
# 6 TA' NOVEMBRU

Il-ġurnata kollha

## Il-Kamra Sensorja

**Inspire Malta**

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) u tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer fi spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra hija mmexxija mill-Inspire Malta u mwieżna mill-APS Bank. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

Il-ġurnata kollha

## Wirja: *From Illustration To Book*

**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)** | **Il-Pjazza**

It-tielet edizzjoni ta' din l-esebizzjoni ddedikata għad-disinn tal-kotba u l-illustrazzjonijiet, li turi x-xogħol tal-illustraturi u d-disinjaturi kontemporanji u ewlenin f'Malta, u fl-istess ħin tweġġaħ il-pijunieri lokali f'dawn l-oqsma. Din l-inizjattiva hija parti minn kollaborazzjoni usa' bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-ġurnata kollha

## Is-Siġra tal-Valuri

**Malta Libraries** | **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

It-tfal se jkunu jistgħu jaqraw kotba li jkunu ssellfu minn fuq l-istand ta' Malta Libraries. Huma se jagħżlu kliem abbinat mal-valuri mill-istorja li jkunu qraw fil-ktieb. Il-valuri magħżula se jkunu disponibbli f'forma ta' leħħiet. Il-valuri mbagħad se jwaħħluhom fuq siġra tal-kartun li se tkun armata fuq l-istand.

Il-ġurnata kollha

## Darba Waħda...

**Malta Libraries** | **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

Fuq l-istand se jkun hemm whiteboard u t-tfal se jkunu mistiedna jiġu jiktbu sentenza biex fl-aħħar tinħoloq storja bis-sentenzi kollha li jkunu kitbu t-tfal li ħadu sehem fl-attività.

## 10:00 - 10:30

### L-Istorja Splussiva tat-Tifla Stupenda tal-Kotba: Produzzjoni Teatrali għal Studenti tal-Primarja

**KNK** **It-Teatru**

Xow teatrali għall-istudenti tal-primarja, ibbażat fuq il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka u kkurat mill-komiku Steve Hili u l-grupp ta' atturi tiegħu. Niltaqgħu ma' Ċetta, tifla normali li ma' kull ktieb li taqra tikseb poteri speċjali. Flimkien mal-ħabib tagħha, l-imqareb Dudu tal-Kotba, Ċetta ma tixba' qatt taqra! Darba waħda, fir-raħal fejn tgħix jitfaċċa Wiper il-kattiv li jibda jiżvojtja l-kotba mill-kliem kollu ta' ġo fihom! Ċetta trid tara x'se tagħmel. Bil-għajnuna ta' awtur magħruf (u l-udjenza!), jirnexxilha tfassal pjan biex tirbaħ lil Wiper u ssir it-Tifla Stupenda tal-Kotba.

## 10:00 - 10:30

### Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

## 10:30 - 11:15

### Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 11:00 - 11:30

### Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

11:45 - 12:15

## L-Istorja Splussiva tat-Tifla Stupenda tal-Kotba: Produzzjoni Teatrali għal Studenti tal-Primarja

KNK It-Teatru

Xow teatrali għall-istudenti tal-primarja, ibbażat fuq il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka u kkurat mill-komiku Steve Hili u l-grupp ta' atturi tiegħu. Niltaqgħu ma' Ċetta, tifla normali li ma' kull ktieb li taqra tikseb poteri speċjali. Flimkien mal-ħabib tagħha, l-imqareb Dudu tal-Kotba, Ċetta ma tixba' qatt taqra! Darba waħda, fir-raħal fejn tgħix jitfaċċa Wiper il-kattiv li jibda jiżvojtja l-kotba mill-kliem kollu ta' ġo fihom! Ċetta trid tara x'se tagħmel. Bil-għajnuna ta' awtur magħruf (u l-udjenza!), jirnexxilha tfassal pjan biex tirbaħ lil Wiper u ssir it-Tifla Stupenda tal-Kotba.

12:00 - 12:30

## Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)

Is-Sala tal-Qarrejja

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

Kontinwu

## Gost il-Qari: Sessjonijiet ta' Qari

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)

L-Istand tal-NLA 9

Ejjew l-istand tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sessjonijiet 'Gost il-Qari' għal tfal ta' etajiet varji (0–3 snin, 4–7 snin, 8–12-il sena). Dawn is-sessjonijiet se jitmexxew minn qarrejja mistiedna tal-NLA, u magħmula apposta biex iħeġġu fit-tfal l-imħabba għall-qari bis-saħħa ta' qari li jixgħel l-immaġinazzjoni fit-tfal skont l-età tagħhom. Ħalli lit-tfal jissaħħru b'din l-esperjenza li se tintroduċihom għall-meravilji tar-rakkonti u l-qari!

Kontinwu

## Kwizz u Tqabbil ta' Kliem

German-Maltese Circle / Dept. of German, UM

L-Istand tal-GMC / Dept. of German, UM 23

Minħabba li l-lingwa Ingliża għandha oriġini Ġermanika, l-Ingliż u l-Ġermaniż jixbhu lil xulxin aktar milli taħseb. Permezz ta' dan it-tqabbil ta' kliem se tinduna li taf kliem Ġermaniż aktar milli taħseb. Ipprova qabbel! Se tintgħażel ukoll mistoqsija għal kwizz li se jsir fuq l-istand.

## 17:30 - 18:00 Taħdita minn Veronica Veen

**Inanna Publishers** | **L-Istand ta' Inanna Publishers 32**

Taħdita ta' nofs siegħa minn Veronica Veen dwar il-35 sena tagħha ta' riċerka antropoloġika kulturali f'Għawdex fuq l-istorja tan-nisa u l-esperjenza tal-ħajja tagħhom, b'enfasi fuq ir-rakkuntar tal-istejjer. Dan kollu ġie rrekordjat u ddokumentat f'serje ta' kotba bħal *Female Images of Malta: Goddess, Giantess, Farmeress* (1994), *The Maltese Cinderella* and the *Women's Storytelling Tradition* (2017), u *Luċija Tells... Women's History and Experience of Life on Gozo, Malta* (2020). **Irreġistra fuq l-istand għall-ħabta tal-17:00.**

## 18:00 - 20:00 Il-Promoturi tal-Qari

**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)** | **It-Teatru**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tippremja studenti tas-Seba' Sena, li ġew innominati mill-amministrazzjoni tal-iskola u l-librara tagħha għall-imħabba tagħhom lejn il-qari, il-promozzjoni tal-kotba, u t-titjib fil-ħiliet tal-litteriżmu.

## 18:00 - 19:00 Tnedija u Qari: *Antoloġija Poeżija Kontemporanja 2023/2024*

**Kotba Calleja** | **Is-Sala tal-Qarrejja**

Tnedija ta' antoloġija ta' poeżiji minn diversi poeti kontemporanji. Waqt it-tnedija l-pubbliku se jkun jista' jiltaqa' mal-poeti nfushom.

## 18:00 - 19:00 Wikipedian-in-Residence @ TimesofMalta.com

**Wikimedia Community Malta** | **L-Istand tal-WCM 37**

Il-gazzetta *The Times* għandha preżenza qawwija online u din toffri diversi opportunitajiet ta' kollaborazzjoni mal-Wikimedia. Waqt din l-attività se nippreżentaw tagħrif dwar il-ħidma li qed issir bejn is-sit ta' din il-gazzetta u l-proġetti ta' Wikimedia, bħall-Wikimedia Commons u l-Wikipedija.

## 18:30 - 20:00 Niskopru l-Kollezzjonijiet Uniċi tal-Librerija tal-Università: Minn Kotba Rari sal-Kollezzjoni Programmi tal-Festa

**Il-Librerija tal-Università** | **Is-Sala tal-Kittieba**

Il-Librerija tal-Università ta' Malta qed tippreżenta żewġ taħditiet dwar il-kollezzjonijiet uniċi tagħha: 'L-Arkivji tal-Librerija u l-Kotba Rari' ma' Matthew Cuschieri u 'Minn Qoxra sa Qoxra: Il-Programm tal-Festa bħala Sors Għani ta' Melitensia' ma' Katja Zahra Camilleri.

## 19:00 - 21:00 Aqta' Min?

**Merlin Publishers** | **L-Istand ta' Merlin Publishers 16**

Trid tilgħab magħna? U tirbaħ xi ktieb ukoll? Se tisma' numru ta' siltiet moqrija live fuq l-istand tagħna, u kulma trid tagħmel hu li tabbina s-silta mal-awtur li taħseb kitibha. Sempliċi hux? Ħeħe... Forsi iva, forsi le! (U xi tazza nbid waqt il-qari ma tonqosx lanqas!)



# IL-ĦAMIS
# 7 TA' NOVEMBRU

Il-ġurnata kollha

## Il-Kamra Sensorja
**Inspire Malta**

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) u tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer fi spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra hija mmexxija mill-Inspire Malta u mwieżna mill-APS Bank. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

Il-ġurnata kollha

## Wirja: *From Illustration To Book*
**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)** **Il-Pjazza**

It-tielet edizzjoni ta' din l-esebizzjoni ddedikata għad-disinn tal-kotba u l-illustrazzjonijiet, li turi x-xogħol tal-illustraturi u d-disinjaturi kontemporanji u ewlenin f'Malta, u fl-istess ħin tweġġaħ il-pijunieri lokali f'dawn l-oqsma. Din l-inizjattiva hija parti minn kollaborazzjoni usa' bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-ġurnata kollha

## Is-Siġra tal-Valuri
**Malta Libraries** **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

It-tfal se jkunu jistgħu jaqraw kotba li jkunu ssellfu minn fuq l-istand ta' Malta Libraries. Huma se jagħżlu kliem abbinat mal-valuri mill-istorja li jkunu qraw fil-ktieb. Il-valuri magħżula se jkunu disponibbli f'forma ta' leħħiet. Il-valuri mbagħad se jwaħħluhom fuq siġra tal-kartun li se tkun armata fuq l-istand.

Il-ġurnata kollha

## Darba Waħda...
**Malta Libraries** **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

Fuq l-istand se jkun hemm whiteboard u t-tfal se jkunu mistiedna jiġu jiktbu sentenza biex fl-aħħar tinħoloq storja bis-sentenzi kollha li jkunu kitbu t-tfal li ħadu sehem fl-attività.

## 10:00 - 10:30

### Il-Ħatfa l-Kbira tal-Immaġinazzjoni! Produzzjoni Teatrali għal Studenti tas-Sekondarja

**KNK** **It-Teatru**

Xow teatrali għall-istudenti tas-sekondarja, ibbażat fuq il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka u kkurat mill-komiku Steve Hili u l-grupp ta' atturi tiegħu. Grupp ta' studenti jiddeċiedu li jisirqu l-immaġinazzjoni ta' kittieb sabiex jiktbu storja għall-iskola tagħhom u jgħaddu mill-eżami finali tas-sena. Imma issa li rnexxielhom, x'se jaqbdu jagħmlu b'din l-immaġinazzjoni? Agħar minn hekk, malajr jirrealizzaw li kulħadd se jinduna li l-istorja ġiet minn moħħ dan il-kittieb u mhux minn għandhom! Daqs kemm hu kittieb magħruf! Ġib minn hemm u ġib minn hawn, fl-aħħar jirrealizzaw li l-avventura tagħhom hija storja minnha nnifisha. L-immaġinazzjoni qatt ma ħallietħom!

## 10:00 - 10:30

### Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

## 10:30 - 11:15

### Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 11:00 - 11:30

### Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

## 11:30 - 12:15

### Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

11:45 - 12:15

## Il-Ħatfa l-Kbira tal-Immaġinazzjoni! Produzzjoni Teatrali għal Studenti tas-Sekondarja

**KNK** **It-Teatru**

Xow teatrali għall-istudenti tas-sekondarja, ibbażat fuq il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka u kkurat mill-komiku Steve Hili u l-grupp ta' atturi tiegħu. Grupp ta' studenti jiddeċiedu li jisirqu l-immaġinazzjoni ta' kittieb sabiex jiktbu storja għall-iskola tagħhom u jgħaddu mill-eżami finali tas-sena. Imma issa li rnexxielhom, x'se jaqbdu jagħmlu b'din l-immaġinazzjoni? Agħar minn hekk, malajr jirrealizzaw li kulħadd se jinduna li l-istorja ġiet minn moħħ dan il-kittieb u mhux minn għandhom! Daqs kemm hu kittieb magħruf! Ġib minn hemm u ġib minn hawn, fl-aħħar jirrealizzaw li l-avventura tagħhom hija storja minnha nnifisha. L-immaġinazzjoni qatt ma ħallietħom!

12:00 - 12:30

## Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

Kontinwu

## Gost il-Qari: Sessjonijiet ta' Qari

**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)**

**L-Istand tal-NLA 9**

Ejjew l-istand tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sessjonijiet 'Gost il-Qari' għal tfal ta' etajiet varji (0–3 snin, 4–7 snin, 8–12-il sena). Dawn is-sessjonijiet se jitmexxew minn qarrejja mistiedna tal-NLA, u magħmula apposta biex iħeġġu fit-tfal l-imħabba għall-qari bis-saħħa ta' qari li jixgħel l-immaġinazzjoni fit-tfal skont l-età tagħhom. Ħalli lit-tfal jissaħħru b'din l-esperjenza li se tintroduċihom għall-meravilji tar-rakkonti u l-qari!

Kontinwu

## Kwizz u Tqabbil ta' Kliem

**German-Maltese Circle / Dept. of German, UM**

**L-Istand tal-GMC / Dept. of German, UM 23**

Minħabba li l-lingwa Ingliża għandha oriġini Ġermanika, l-Ingliż u l-Ġermaniż jixbhu lil xulxin aktar milli taħseb. Permezz ta' dan it-tqabbil ta' kliem se tinduna li taf kliem Ġermaniż aktar milli taħseb. Ipprova qabbel! Se tintgħażel ukoll mistoqsija għal kwizz li se jsir fuq l-istand.

## 17:30 - 19:00

### Is-Soapbox ta' THINK

**THINK Magazine** **Is-Sala tal-Qarrejja**

THINK hija r-rivista uffiċjali tar-riċerka tal-Università ta' Malta, li tiftaħ tieqa fuq l-istejjer tal-akkademiċi, l-istudenti attwali u dawk mill-passat, u r-riċerkaturi. Is-Soapbox ta' THINK hi opportunità unika li fiha tiġi ppreżentata r-riċerka li dehret fl-aħħar ħarġa tar-rivista. L-avveniment huwa miftuħ għall-pubbliku u jippermetti lill-udjenza taqsam l-ideat tagħha, tistaqsi dwar ir-riċerka, u tiltaqa' ma' persuni ta' interess.

## 17:30 - 18:00

### Taħdita minn Veronica Veen

**Inanna Publishers** **L-Istand ta' Inanna Publishers 32**

Taħdita ta' nofs siegħa minn Veronica Veen dwar il-35 sena tagħha ta' riċerka antropoloġika kulturali f'Għawdex fuq l-istorja tan-nisa u l-esperjenza tal-ħajja tagħhom, b'enfasi fuq ir-rakkuntar tal-istejjer. Dan kollu ġie rrekordjat u ddokumentat f'serje ta' kotba bħal *Female Images of Malta: Goddess, Giantess, Farmeress* (1994), *The Maltese Cinderella and the Women's Storytelling Tradition* (2017), u *Luċija Tells... Women's History and Experience of Life on Gozo, Malta* (2020). **Irreġistra fuq l-istand għall-ħabta tas-17:00.**

## 18:00 - 19:00

### Edit-a-tona: Ir-Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fuq Wikipedija

**KNK u l-Wikimedia Community Malta (WCM)**

**Is-Sala tal-Kittieba**

Kulħadd jaf x'inhi l-Wikipedija, imma kont taf li int ukoll tista' ssir editur tagħha, flimkien ma' eluf oħra ta' nies bħalek madwar id-dinja? Skopri kif taħdem il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, permezz ta' din l-edit-a-tona dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

## 18:00 - 19:00

### L-Isfida Msella

**KNK u l-Iskola San Anton** **It-Teatru**

Għar-raba' sena konsekuttiva, l-iskola ta' San Anton tiċċelebra dawk l-istudenti li ħadu sehem u temmew b'mod sodisfaċenti L-Isfida Msella. L-Isfida Msella hija sfida eċitanti dwar il-qari bil-Malti fejn l-istudenti jaqraw tliet kotba fi tliet xhur u jaħdmu fuq proġetti mnebbħa minnhom, fosthom posters, kitba kreattiva u trailers. Waqt din is-serata, l-istudenti li pparteċipaw jingħataw premju.

## 19:30 - 20:30 Taħdita: Il-Korrispondenza bejn Ġużè Cardona u Karmen Mikallef Buħaġar

**L-Akkademja tal-Malti** **Is-Sala tal-Qarrejja**

Karmen Mikallef Buħaġar irsistiet biex il-memorja ta' Dun Karm ma tintesiex. Żammet korrispondenza ma' diversi awturi lokali fosthom Ġużè Cardona, li kien għamel l-M.A. tiegħu fuq Dun Karm u kien esperimenta bil-poeżija u l-proża. Sergio Grech jagħti taħdita dwar il-korrispondenza li għaddiet bejniethom.

## 19:30 - 20:30 Dinja ta' Kitba: Masterclass tal-Kitba Kreattiva ma' Anthony Horowitz

**KNK** **Is-Sala tal-Kittieba**

IRREĠISTRA HAWN

Ingħaqad mal-awtur famuż Anthony Horowitz waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb għal masterclass dwar ir-rakkuntar tal-istejjer! Fannad fl-għarfien tiegħek tal-proċess tal-kitba, ikseb tekniki prattiċi, u ispira ruħek mill-kittieb bestseller tas-serje ta' *Alex Rider* u r-rumanzi tad-ditektiv ta' Sherlock Holmes, *The House of Silk* u *Moriarty*. Il-masterclass se jħares lejn l-ideat għall-plott, l-iżvilupp tal-karattri, id-djalogu, u d-differenza bejn il-kitba ta' ktieb u l-kitba għat-TV. Wara jkun hemm sessjoni interattiva ta' MuT mal-parteċipanti dwar aspetti varji tal-kitba. Trid tirreġistra għal dal-masterclass. **Titlifx din l-opportunità u rreġistra kmieni ħalli żżomm postok!**





# IL-ĠIMGĦA

# 8 TA' NOVEMBRU

**Il-ġurnata kollha**

## Il-Kamra Sensorja

**Inspire Malta**

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) u tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer fi spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra hija mmexxija mill-Inspire Malta u mwieżna mill-APS Bank. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**Il-ġurnata kollha**

## Wirja: *From Illustration To Book*

**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)** **Il-Pjazza**

It-tielet edizzjoni ta' din l-esebizzjoni ddedikata għad-disinn tal-kotba u l-illustrazzjonijiet, li turi x-xogħol tal-illustraturi u d-disinjaturi kontemporanji u ewlenin f'Malta, u fl-istess ħin tweġġaħ il-pijunieri lokali f'dawn l-oqsma. Din l-inizjattiva hija parti minn kollaborazzjoni usa' bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti.

**Il-ġurnata kollha**

## Is-Siġra tal-Valuri

**Malta Libraries** **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

It-tfal se jkunu jistgħu jaqraw kotba li jkunu ssellfu minn fuq l-istand ta' Malta Libraries. Huma se jagħżlu kliem abbinat mal-valuri mill-istorja li jkunu qraw fil-ktieb. Il-valuri magħżula se jkunu disponibbli f'forma ta' leħħiet. Il-valuri mbagħad se jwaħħluhom fuq siġra tal-kartun li se tkun armata fuq l-istand.

**Il-ġurnata kollha**

## Darba Waħda...

**Malta Libraries** **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

Fuq l-istand se jkun hemm whiteboard u t-tfal se jkunu mistiedna jiġu jiktbu sentenza biex fl-aħħar tinħoloq storja bis-sentenzi kollha li jkunu kitbu t-tfal li ħadu sehem fl-attività.

## 10:00 - 10:30

## Nilħqu s-Smewwiet ma' Anthony Horowitz: Taħdita Divertenti u Sessjoni ta' MuT għat-Tfal tal-Iskola (Etajiet 8–10)

**KNK** | **It-Teatru**

Anthony Horowitz, il-moħħ wara s-serje ta' kotba ta' spjunaġġ *Alex Rider*, ħerqan biex ikellem lit-tfal tal-iskola dwar xi tfisser li tkun kittieb famuż mad-dinja kollha. X'ħajru jibda jikteb? Minn fejn jibqa' jġib l-ideat tiegħu? Il-komiku Steve Hili se jingħaqad ma' Horowitz fuq il-palk u se jagħmel *ħiltu* kollha biex iħeġġeġ lill-awtur jaqsam ftit mis-sigrieti u l-pariri speċjali tiegħu!

## 10:00 - 10:30

## Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

## 10:00 - 11:00

## Niskopru l-Wikipedija: Sessjoni ta' Informazzjoni għal Studenti Postsekondarji

**KNK u l-Wikimedia Community Malta (WCM)**

**Is-Sala tal-Kittieba**

Kulħadd jaf x'inhi l-Wikipedija, imma kont taf li inti u eluf oħra ta' nies minn madwar id-dinja tistgħu ssiru edituri tagħha? Skopri kif taħdem il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia. Din l-attività qed issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

## 10:30 - 11:15

## Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** | **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 11:00 - 11:30

## Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

**11:45 - 12:45** (EN)

### Nilħqu s-Smewwiet ma' Anthony Horowitz: Taħdita Divertenti u Sessjoni ta' MuT għat-Tfal tal-Iskola (Etajiet 8–10)

**KNK** **It-Teatru**

Anthony Horowitz, il-moħħ wara s-serje ta' kotba ta' spjunaġġ *Alex Rider*, ħerqan biex ikellem lit-tfal tal-iskola dwar xi tfisser li tkun kittieb famuż mad-dinja kollha. X'ħajru jibda jikteb? Minn fejn jibqa' jġib l-ideat tiegħu? Il-komiku Steve *Hili* se jingħaqad ma' Horowitz fuq il-palk u se jagħmel *ħiltu* kollha biex iħeġġeġ lill-awtur jaqsam ftit mis-sigrieti u l-pariri speċjali tiegħu!

**12:00 - 12:30** (MT, EN)

### Sessjoni ta' Qari (Etajiet 6–12)

**L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Ingħaqad mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal sessjoni ta' qari li se ssaħħrek dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-bijodiversità! It-tfal jistgħu jagħżlu li jaqraw flimkien minn wieħed minn dawn il-kotba: *Osbert and Friends* (8–12-il sena); *Il-Kavallier Għatxan* (8–10 snin); *L-Istejjer ta' Zoe u d-Dragun Waqt Żmien il-Pandemija tal-Covid* (6–8 snin).

**Kontinwu** (MT, EN)

### Gost il-Qari: Sessjonijiet ta' Qari

**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)**

**L-Istand tal-NLA 9**

Ejjew l-istand tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sessjonijiet 'Gost il-Qari' għal tfal ta' etajiet varji (0–3 snin, 4–7 snin, 8–12-il sena). Dawn is-sessjonijiet se jitmexxew minn qarrejja mistiedna tal-NLA, u magħmula apposta biex iħeġġu fit-tfal l-imħabba għall-qari bis-saħħa ta' qari li jixgħel l-immaġinazzjoni fit-tfal skont l-età tagħhom. Ħalli lit-tfal jissaħħru b'din l-esperjenza li se tintroduċihom għall-meravilji tar-rakkonti u l-qari!

**Kontinwu** (EN, DE)

### Kwizz u Tqabbil ta' Kliem

**German-Maltese Circle / Dept. of German, UM**

**L-Istand tal-GMC / Dept. of German, UM 23**

Minħabba li l-lingwa Ingliża għandha oriġini Ġermanika, l-Ingliż u l-Ġermaniż jixbhu lil xulxin aktar milli taħseb. Permezz ta' dan it-tqabbil ta' kliem se tinduna li taf kliem Ġermaniż aktar milli taħseb. Ipprova qabbel! Se tintgħażel ukoll mistoqsija għal kwizz li se jsir fuq l-istand.

**17:00 - 19:00** (MT)

### Iltaqa' mal-Awtur: Paul George Pisani

**Delicon Books** **L-Istand ta' Delicon Books 26**

Sessjoni ta' qari mal-mistieden speċjali ta' Delicon Books, Paul George Pisani. Il-qari se jkun segwit minn sessjoni ta' ffirmar ta' kotba flimkien mal-opportunità li l-udjenza tiltaqa' mal-awtur u tistaqsih xi mistoqsijiet.

## 17:30 - 18:30

### "Half bil-Malti u Half bl-Ingliż": Diskussjoni dwar l-Ingliż fil-Malti

**L-Għaqda tal-Malti – Università** **Is-Sala tal-Kittieba**

Għadd ta' kelliema se jkomplu mat-taħdita li saret waqt Kampus Kotba 2024, "Tkellem bil-Malti!", b'diskussjoni dwar is-self tal-Malti mill-Ingliż, esplorazzjoni li kapaċi twassalna eqreb lejn tweġiba għall-mistoqsija: "X'inhu u x'mhuwiex il-Malti?".

## 18:00 - 19:30

### Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2024: L-Għoti tal-Premjijiet

**KNK** **It-Teatru**

Ingħaqdu magħna għat-tħabbira tar-rebbieħa u għal qari mill-poeti rebbieħa tas-sitt edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef, konkors prestiġġjuż imniedi mill-KNK bil-għan li jsaħħaħ il-kitba poetika f'Malta u jonora l-aħjar poeżija miktuba bil-Malti. Fost il-mistednin taċ-ċerimonja ta' dis-sena, se jkollna r-rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023 fil-kategorija tal-Poeżija, Murad Shubert, u l-poeta Emiratjan Ali al Shaali, li se jkunu qegħdin jaqraw traduzzjonijiet ta' xogħol xulxin u jipparteċipaw fi skambju letterarju mmoderat minn Antonella Axisa.

## 18:00 - 19:00

### Wirt Kulturali Intanġibbli fuq Wikidata

**Wikimedia Community Malta (WCM)**

**L-Istand tal-WCM 37**

Skopri x'inhi l-Wikidata, proġett ieħor tal-Wikimedia li jipprovdi tagħrif essenzjali lil Google, Siri u Alexa, apparti lill-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia. Jingħata tagħrif dwar il-proġett ġdid bl-isem ta' KAŻINI.

## 19:00 - 20:00

### Tnedija ta' Ktieb: *Disa' Opri* ta' Albert Marshall

**Horizons** **Is-Sala tal-Kittieba**

Horizons jippreżentaw l-aħħar ktieb ta' Albert Marshall, *Disa' Opri*, libretti oriġinali maqluba għall-Malti. Is-serata se tinkludi siltiet operistiċi mill-ktieb, fosthom *La Bohème, Carmen, Rigoletto, Tosca, La Traviata, Cavalleria Rusticana, Pagliacci, Norma* u *Il Barbiere di Siviglia.*

## 19:00 - 20:00

### Tnedija ta' Ktieb: It-Traduzzjoni bil-Malti ta' *The Three Body Problem*

**Faraxa Publishing** **Is-Sala tal-Qarrejja**

Iċċelebraw magħna t-tnedija tal-aktar traduzzjoni reċenti maħruġa mid-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa. Din hi t-traduzzjoni bil-Malti ta' John A. Bonello tar-rumanz fantaxjentifiku *The Three Body Problem / Il-Problema tat-Tliet Korpi* tal-kittieb Ċiniż Liu Cixin, li se jeħodkom fi spazju u żminijiet oħra, intom u tikxfu l-misteri moħbija fihom.

## 19:00 - 20:00 Tnedija ta' Ktieb: *The Field* ta' Ricky Caruana

**Agenda Bookshop**

**L-Istand ta' Agenda Bookshop 41**

Agenda Bookshop jippreżenta l-aħħar ktieb ta' Ricky Caruana, *The Field*. Wara t-tnedija se ssir sessjoni ta' ffirmar tal-kotba.

## 20:00 - 21:00 *Prophet Song*: Kelma mal-Awtur Paul Lynch, Rebbieħ tal-Premju Booker

**KNK** **It-Teatru**

Il-KNK jippreżenta b'sodisfazzjon kbir wieħed mill-aktar fanali letterarji tal-mument: il-kittieb Irlandiż Paul Lynch. Lynch se jkun qed jitkellem ma' Emma Mattei dwar it-temi ewlenin tiegħu u l-preokkupazzjonijiet li ġegħluh jikteb il-ħames rumanzi tiegħu – li l-aħħar wieħed minnhom, *Prophet Song*, rebaħ il-Premju Booker fl-2023. Titlifx daċ-ċans ta' darba li tiltaqa' ma' vuċi letterarja rispettata immens. Il-parteċipazzjoni ta' Lynch qed isseħħ ukoll bl-għajnuna tal-Ambaxxata Irlandiża f'Malta.





# IS-SIBT
# 9 TA' NOVEMBRU

**Il-ġurnata kollha**

### Il-Kamra Sensorja
**Inspire Malta**

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) u tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer fi spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra hija mmexxija mill-Inspire Malta u mwieżna mill-APS Bank. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**Il-ġurnata kollha**

### Wirja: *From Illustration To Book*
**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)** **Il-Pjazza**

It-tielet edizzjoni ta' din l-esebizzjoni ddedikata għad-disinn tal-kotba u l-illustrazzjonijiet, li turi x-xogħol tal-illustraturi u d-disinjaturi kontemporanji u ewlenin f'Malta, u fl-istess ħin tweġġaħ il-pijunieri lokali f'dawn l-oqsma. Din l-inizjattiva hija parti minn kollaborazzjoni usa' bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti.

**Il-ġurnata kollha**

### Gost il-Qari: Sessjonijiet ta' Qari
**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)**
**L-Istand tal-NLA 9**

Ejjew l-istand tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sessjonijiet 'Gost il-Qari' għal tfal ta' etajiet varji (0–3 snin, 4–7 snin, 8–12-il sena). Dawn is-sessjonijiet se jitmexxew minn qarrejja mistiedna tal-NLA, u magħmula apposta biex iħeġġu fit-tfal l-imħabba għall-qari bis-saħħa ta' qari li jixgħel l-immaġinazzjoni fit-tfal skont l-età tagħhom. Ħalli lit-tfal jissaħħru b'din l-esperjenza li se tintroduċihom għall-meravilji tar-rakkonti u l-qari!

**Il-ġurnata kollha**

### Is-Siġra tal-Valuri
**Malta Libraries** **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

It-tfal se jkunu jistgħu jaqraw kotba li jkunu ssellfu minn fuq l-istand ta' Malta Libraries. Huma se jagħżlu kliem abbinat mal-valuri mill-istorja li jkunu qraw fil-ktieb. Il-valuri magħżula se jkunu disponibbli f'forma ta' leħhiet. Il-valuri mbagħad se jwaħħluhom fuq siġra tal-kartun li se tkun armata fuq l-istand.

**Il-ġurnata kollha**

## Darba Waħda...

**Malta Libraries** | **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

Fuq l-istand se jkun hemm whiteboard u t-tfal se jkunu mistiedna jiġu jiktbu sentenza biex fl-aħħar tinħoloq storja bis-sentenzi kollha li jkunu kitbu t-tfal li ħadu sehem fl-attività.

**Il-ġurnata kollha**

## Kwizz u Tqabbil ta' Kliem

**German-Maltese Circle / Dept. of German, UM**

**L-Istand tal-GMC / Dept. of German, UM 23**

Minħabba li l-lingwa Ingliża għandha oriġini Ġermanika, l-Ingliż u l-Ġermaniż jixbhu lil xulxin aktar milli taħseb. Permezz ta' dan it-tqabbil ta' kliem se tinduna li taf kliem Ġermaniż aktar milli taħseb. Ipprova qabbel! Se tintgħażel ukoll mistoqsija għal kwizz li se jsir fuq l-istand.

**09:30 - 15:00**

## Żviluppa l-Finzjoni Tiegħek: Workshop ma' Richard Skinner mill-Faber Academy

**KNK** | **Is-Sala tal-Kittieba**

IRREĠISTRA HAWN

Irfina senegħtek fil-kitba fittizja b'dal-workshop immexxi minn Richard Skinner, id-Direttur tal-Finzjoni fil-Faber Academy. Is-sessjoni se tiffoka fuq l-iżvilupp tal-karattri u rwol in-narratur. L-udjenza se jkollha wkoll ċ-ċans tiddjaloga ma' Skinner f'MuT dwar l-editjar u xogħol l-aġenti letterarji. **Trid tibbukkja minn qabel; il-ħlas ta' €20 jinkludi l-ikel u x-xorb. Postijiet limitati.**

**09:30 - 11:00**

## Introduzzjoni Prattika għal-Legatura tal-Kotba (Etajiet 8–12): Workshop minn Glen Calleja

**KNK** | **It-Teatru**

IRREĠISTRA HAWN

Ingħaqad mal-legatur, pubblikatur u awtur Glen Calleja għal workshop għal tfal ta' bejn it-8 u t-12-il sena dwar kif jinħadem ktieb bl-idejn. Waqt dan il-workshop naraw x'metodi jintużaw tradizzjonalment u l-parteċipanti jkollhom l-opportunità jmiddu jdejhom biex jagħmlu ktieb żgħir. **Trid tinkiteb għal dis-sessjoni, u m'hemmx ħlas għaliha.**

**09:30 - 10:45**

## Pinġi Xena ta' Ħanut tal-Kafè: Workshop tal-Illustrazzjoni għall-Adulti

**L-Ambaxxata Franċiża** | **Ir-Rokna tal-Ktieb**

IRREĠISTRA HAWN

Il-pittriċi u l-illustratriċi Franċiża Sophie Guinzbourg se tagħti workshop kreattiv dwar kif tpinġi xena tipikament Franċiża ta' ħanut tal-kafè. **Irreġistra għal dan l-avveniment b'xejn billi tiskennja l-kodiċi jew mis-sit tal-Ambaxxata.**

## 11:00 - 12:00

## Oħloq Tpinġija u Poeżija: Workshop għat-Tfal

**L-Ambaxxata Franċiża** **Ir-Rokna tal-Ktieb**

IRREĠISTRA HAWN

Il-pittriċi u l-illustratriċi Franċiża Sophie Guinzbourg se tagħti workshop kreattiv dwar kif tpinġi fenek. L-awtriċi Franċiża Chloé Gallien se tistieden lit-tfal biex jiktbu vers bil-Franċiż jew bl-Ingliż biex jakkumpanja t-tpinġija. **Irreġistra għal dan l-avveniment billi tiskennja l-kodiċi jew mis-sit tal-Ambaxxata.**

## 10:00 - 11:00

## Zinn Zinn Zinn 2: Iktar Mużika u Letteratura għaż-Żgħar u l-Kbar Tagħhom

**L-Għaqda tal-Malti – Università** **Is-Sala tal-Qarrejja**

L-istejjer, it-taqbiliet, u l-mużika jolqtuna lkoll, imma t-tfal, bl-immaġinazzjoni u l-innoċenza kollha tagħhom, donnhom japprezzawhom iżjed. Din se tkun opportunità biex it-tfal isibu ruħhom f'dinja oħra, kważi kważi tal-ħrejjef, u magħhom jistgħu jieħdu anke lill-ġenituri u l-kustodji tagħhom!

## 10:30 - 11:30

## Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 11:30 - 13:00

## Introduzzjoni Prattika għal-Legatura tal-Kotba (Età 14+): Workshop minn Glen Calleja

**KNK** **It-Teatru**

IRREĠISTRA HAWN

Ingħaqad mal-legatur, pubblikatur u awtur Glen Calleja għal workshop għal tfal ta' bejn it-8 u t-12-il sena dwar kif jinħadem ktieb bl-idejn. Waqt dan il-workshop naraw x'metodi jintużaw tradizzjonalment u l-parteċipanti jkollhom l-opportunità jmiddu jdejhom biex jagħmlu ktieb żgħir. **Trid tinkiteb għal dis-sessjoni, u m'hemmx ħlas għaliha.**

## 11:30 - 12:30

## Minn Tema għal Illustrazzjoni: Workshop minn Ed Dingli (Età 14+)

**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

IRREĠISTRA HAWN

Ingħaqad mal-illustratur tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024 – Ed Dingli – għal workshop immirat għal parteċipanti minn 14-il sena 'l fuq dwar kif tittrasforma tema f'illustrazzjoni. L-udjenza se tkun mistiedna tħażżeż ma' Ed biex tipprattika dak li tkun għadha kif semgħet rigward ideat, mapep mentali u kliem muftieħ. Dan il-workshop qed isir f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti. **Trid tirreġistra għal dan l-avveniment, li huwa b'xejn.**

## 12:00 - 13:00

### Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 13:00 - 15:00

### Speed Dating Letterarja

**KNK** **Ir-Rokna tal-Ktieb**

IRREĠISTRA HAWN

Tirritorna l-ispeed dating letterarja – kwarta ċans titkellem ma' professjonisti fil-pubblikazzjoni waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Jaf tkun trid sempliċiment titkellem dwar il-letteratura, dwar il-ħiliet tal-kitba, jew dwar kwalunkwe suġġett ieħor li xtaqt issir taf dwaru imma dejjem qgħadt lura. Il-mistiedna huma: Simon Trewin (aġent letterarju); Joey Connolly (Direttur tal-Faber Academy); Loranne Vella u Joe Gatt (l-edituri ta' Aphroconfuso); Kat Storace (traduttriċi u pubblikatur, Praspar Press); Glen Calleja (pubblikatur, Kotba Calleja); iċ-Chairperson tal-Letteratura fil-MEIA; Moira Zahra (MCOI) u Ed Dingli (illustraturi), Nikki Petroni (Eżekuttiva tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp fl-ACM), u Matthew Borg (Manager Anzjan fil-KNK, Fond Malti tal-Ktieb).

## 13:00 - 14:00

### Mill-Kunċett għall-Animazzjoni: Ix-Xogħol ta' Kyle Xuereb Cunningham għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb

**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

IRREĠISTRA HAWN

Skopri t-traġitt kreattiv tal-moħħ wara l-materjal ta' promozzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tal-2023 u ta' dis-sena: l-illustratur u animatur Kyle Xuereb Cunningham. Sir af x'jinkludi fih il-proċess tal-animazzjoni, mill-ħolqien tal-istoryboard sal-aħħar irtokki. Dis-sessjoni qed tittella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti. **Trid tirreġistra għal dan l-avveniment b'xejn.**

## 13:00 - 13:30

### Mini Workshops Kreattivi

**Inanna Publishers** **L-Istand ta' Inanna Publishers 32**

Oħloq markapaġna oriġinali għalik ispirata mill-Ewwel Maltin u tgħarraf dwar is-simboliżmu dettaljat tagħhom! Se jsiru workshops żgħar ta' kwarta kull wieħed mill-awtriċi Veronica Veen li se jittellgħu fl-istand ta' Inanna Publishers. **Irreġistra fuq l-istand bejn nofsinhar u n-nofssiegħa.**

## 14:00 - 15:00

### Iltaqgħu mal-Karattri Kkuluriti ta' Perlina TV! Filmati għal Tfal bejn 0–9 snin

**Perlina TV** **It-Teatru**

Jixxandru filmati u siltiet awdjoviżivi mill-programmi tal-app ġdida Perlina TV, li se jkun fiha materjal edukattiv u oriġinali bil-Malti għat-tfal bejn 0 u 9 snin. Ingħaqad magħna għal togħma ta' din il-pjattaforma, li se tkun aċċessibbli għall-pubbliku bħala sit online u anke app minn App Store u Google Play fil-ġimgħat li ġejjin!

## 14:00 - 15:00

### Iffirmar ta' Ktieb bil-Franċiż għat-Tfal: *Lapinoudoudou*

**L-Ambaxxata Franċiża** **L-Istand tar-Rokna Franċiża 24**

L-illustratriċi Franċiża Sophie Guinzbourg u l-awtriċi Franċiża Chloé Gallien se jiffirmaw il-ktieb għat-tfal bil-Franċiż tagħhom, *Lapinoudoudou et les tissus magiques.*

## 14:30 - 15:30

### L-Irwol tal-Illustraturi Kontemporanji: Diskussjoni u Tnedija tal-*Illustration Annual 2024*

**Malta Community of Illustrators (MCOI)** **Is-Sala tal-Qarrejja**

F'din id-diskussjoni mmoderata minn Ruth Ancilleri, il-kelliema Ed Dingli, Philip Sultana u Dr Ċensu Caruana (miċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u r-Riċerka, UM) se jitkellmu dwar l-illustratur 'enċiklopediku' kif ukoll l-uċuħ varji tal-illustrazzjoni kontemporanja. Se jaraw ukoll kif illustratur jista' jużа ħilietu biex jindirizza temi ambjentali jaħarqu. Din l-attività se tinkludi t-tnedija tal-aħħar edizzjoni tal-*Illustration Annual* tal-MCOI.

## 15:00 - 17:00

### Iltaqa' mal-Awtriċi: Ursola Borg

**Delicon Books** **L-Istand ta' Delicon Books 26**

Sessjoni ta' qari mal-mistiedna speċjali ta' Delicon Books, Ursola Borg. Il-qari se jkun segwit minn sessjoni ta' ffirmar ta' kotba u l-opportunità li l-udjenza tiltaqa' mal-awtriċi u tistaqsiha xi mistoqsijiet.

## 15:30 - 16:15

### Kif Jinħadem Ktieb

**Gutenberg Press** **Ir-Rokna tal-Ktieb**

Ingħaqdu magħna għal seminar interattiv dwar kif isir ktieb u informa ruħek fuq il-proċess sħiħ fil-produzzjoni tal-ktieb – mill-aspett tad-disinn sal-proċess tal-produzzjoni li jwassal finalment għall-ktieb illegat.

## 15:30 - 16:30

### Mill-Abbozz għas-Suq: MuT mal-Aġent Letterarju Jonathan Lloyd (Curtis Brown)

**KNK** **Is-Sala tal-Kittieba**

IRREĠISTRA HAWN

Ingħaqad mal-aġent letterarju u l-president ta' Curtis Brown, Jonathan Lloyd, għal dis-sessjoni eċċezzjonali ta' MuT immoderata minn Kat Storace (Praspar Press). Ikseb għarfien imprezzabbli dwar il-pubblikazzjoni, mit-tfittxija għal aġent letterarju addattat għalik u kif taqta' figura tajba miegħu. Dan l-avveniment hu miftuħ għall-kittieba Maltin li jiktbu bl-Ingliż. **Irreġistra biex tilħaq post u ibgħat il-mistoqsijiet tiegħek minn qabel biex id-diskussjoni tkun waħda personalizzata.**

## 17:00 - 18:00

### Niċċelebraw il-Letteratura Taljana

**Istituto Italiano di Cultura** **Is-Sala tal-Qarrejja**

Attività dwar il-letteratura u l-pubblikazzjoni Taljana organizzata mill-Istitut Kulturali Taljan f'Malta. **Għal aktar dettalji, żur iicvalletta.esteri.it/it jew facebook.com/Istitutoitalianodicultura.valletta**

## 17:00 - 18:00 Il-Komunità tal-Kitba

**Aphroconfuso** **Is-Sala tal-Kittieba**

Ħafna drabi meta niktbu nkunu magħluqin f'kamra waħidna, iżda l-kliem li nużaw qatt mhu tagħna biss. Matul l-ewwel sena ta' Aphroconfuso ridna noħolqu, flimkien mal-kittieba tagħna, komunità fejn il-kliem mhux biss jingħad darba u jintelaq għall-irwiefen taż-żmien, iżda jsib eku u risposta fi kliem ieħor fil-ġurnal stess, fl-istorja letterarja tagħna u tad-dinja. Waqt dal-avveniment se nintroduċu l-ewwel ktieb ta' Aphroconfuso, *Antoloġija 1*.

## 18:00 - 19:00 Niċċelebraw il-Letteratura Taljana

**Istituto Italiano di Cultura** **Is-Sala tal-Qarrejja**

Attività dwar il-letteratura u l-pubblikazzjoni Taljana organizzata mill-Istitut Kulturali Taljan f'Malta. **Għal aktar dettalji, żur iicvalletta.esteri.it/it jew facebook.com/Istitutoitalianodicultura.valletta**

## 18:30 - 20:00 Iċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet Wiki Loves 2024

**Wikimedia Community Malta (WCM)** **Is-Sala tal-Kittieba**

Ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet lir-rebbieħa tal-konkorsi Wiki Loves Folklore u Wiki Loves Earth tal-2024. Waqt din l-attività jitħabbru wkoll il-finalisti ta' Wiki Loves Monuments 2024.

## 19:00 - 20:00 Iffirmar ta' Ktieb: *The Field* ta' Ricky Caruana

**Agenda Bookshop** **L-Istand ta' Agenda Bookshop 41**

Agenda Bookshop jippreżenta l-aħħar ktieb ta' Ricky Caruana, *The Field*. L-awtur se jkun preżenti għal sessjoni ta' ffirmar tal-kotba.

## 19:30 - 20:30 Niltaqgħu mal-Awtriċi: Anna-Elisabeth Mayer Taqra Siltiet mill-Aħħar Rumanz Tagħha *Kreidezeit* (2023)

**German-Maltese Circle / Dept. of German, UM**

**Is-Sala tal-Qarrejja**

Il-mistiedna speċjali tal-istand tal-GMC/Dipartiment tal-Ġermaniż fil-UM, l-awtriċi kontemporanja Awstrijaka Anna-Elisabeth Mayer, se taqra siltiet mill-aħħar rumanz tagħha *Kreidezeit* (2023). F'dan ir-rumanz, l-awtriċi tittratta b'mod ironiku r-relazzjoni bejn il-bniedem u l-magni u tirrifletti b'mod kritiku fuq id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali. Wara l-qari, l-udjenza se tkun tista' tiltaqa' mal-awtriċi li se tkun qed tiffirma dan il-ktieb. Din l-attività hija mwieżna mill-Ambaxxata Awstrijaka f'Malta.

## 20:00 - 21:00 Insibu Tarf il-Każ: Serata ma' Anthony Horowitz

**KNK** **It-Teatru**

Ingħaqdu magħna għal serata mhux ta' min jitlifha ma' Anthony Horowitz, wieħed mill-aktar kittieba prolifiċi u versatili fir-Renju Unit, huwa u jitkellem dwar il-karriera tiegħu mimlija suċċessi fil-kitba fittizja tal-polizjesk. L-avveniment se jitmexxa minn Prof. James Corby mid-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università ta' Malta. Dan huwa ċans rari sabiex insiru nafu kif jaħdem moħħ ta' mgħallem fir-rakkuntar tal-istejjer.



# IL-ĦADD
# 10 TA' NOVEMBRU

**Il-ġurnata kollha**

## Il-Kamra Sensorja
**Inspire Malta**

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) u tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer fi spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra hija mmexxija mill-Inspire Malta u mwieżna mill-APS Bank. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**Il-ġurnata kollha**

## Wirja: *From Illustration To Book*
**KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)** | **Il-Pjazza**

It-tielet edizzjoni ta' din l-esebizzjoni ddedikata għad-disinn tal-kotba u l-illustrazzjonijiet, li turi x-xogħol tal-illustraturi u d-disinjaturi kontemporanji u ewlenin f'Malta, u fl-istess ħin tweġġaħ il-pijunieri lokali f'dawn l-oqsma. Din l-inizjattiva hija parti minn kollaborazzjoni usa' bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti.

**Il-ġurnata kollha**

## Gost il-Qari: Sessjonijiet ta' Qari
**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)**
**L-Istand tal-NLA 9**

Ejjew l-istand tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sessjonijiet 'Gost il-Qari' għal tfal ta' etajiet varji (0–3 snin, 4–7 snin, 8–12-il sena). Dawn is-sessjonijiet se jitmexxew minn qarrejja mistiedna tal-NLA, u magħmula apposta biex iħeġġu fit-tfal l-imħabba għall-qari bis-saħħa ta' qari li jixgħel l-immaġinazzjoni fit-tfal skont l-età tagħhom. Ħalli lit-tfal jissaħħru b'din l-esperjenza li se tintroduċihom għall-meravilji tar-rakkonti u l-qari!

**Il-ġurnata kollha**

## Is-Siġra tal-Valuri
**Malta Libraries** | **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

It-tfal se jkunu jistgħu jaqraw kotba li jkunu ssellfu minn fuq l-istand ta' Malta Libraries. Huma se jagħżlu kliem abbinat mal-valuri mill-istorja li jkunu qraw fil-ktieb. Il-valuri magħżula se jkunu disponibbli f'forma ta' leħhiet. Il-valuri mbagħad se jwaħħluhom fuq siġra tal-kartun li se tkun armata fuq l-istand.

**Il-ġurnata kollha**

### Darba Waħda...

**Malta Libraries** | **L-Istand tal-Malta Libraries 28**

Fuq l-istand se jkun hemm whiteboard u t-tfal se jkunu mistiedna jiġu jiktbu sentenza biex fl-aħħar tinħoloq storja bis-sentenzi kollha li jkunu kitbu t-tfal li ħadu sehem fl-attività.

**Il-ġurnata kollha**

### Kwizz u Tqabbil ta' Kliem

**German-Maltese Circle / Dept. of German, UM**

**L-Istand tal-GMC / Dept. of German, UM 23**

Minħabba li l-lingwa Ingliża għandha oriġini Ġermanika, l-Ingliż u l-Ġermaniż jixbhu lil xulxin aktar milli taħseb. Permezz ta' dan it-tqabbil ta' kliem se tinduna li taf kliem Ġermaniż aktar milli taħseb. Ipprova qabbel! Se tintgħażel ukoll mistoqsija għal kwizz li se jsir fuq l-istand.

**09:30 - 10:30**

### Artivisti: Stejjer ta' Żgħażagħ fil-Letteratura

**Il-Kunsill Malti għall-Arti (ACM) u Aġenzija Żgħażagħ**

**Is-Sala tal-Kittieba**

Waqt din id-diskussjoni, parteċipanti kurrenti u passati tal-programm Artivisti se jitkellmu fuq il-ġrajjiet letterarji individwali tagħhom, u l-ideat tagħhom fuq ix-xena tal-pubblikazzjoni lokali. Artivisti hija kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Aġenzija Żgħażagħ.

**10:00 - 11:00**

### Naqraw ma' Lucienne: Sessjoni Interattiva

**Pandora Books** | **Is-Sala tal-Qarrejja**

Lucienne Cassar se taqra siltiet mill-kotba tagħha f'sessjoni interattiva b'mużika, logħob u attivitajiet oħra ta' tagħlim.

**10:00 - 12:00**

### Iltaqa' mal-Awtriċi: Ursola Borg

**Delicon Books** | **L-Istand ta' Delicon Books 26**

Sessjoni ta' qari mill-mistiedna speċjali ta' Delicon Books, Ursola Borg. Il-qari se jkun segwit minn sessjoni ta' ffirmar ta' kotba u l-opportunità li l-udjenza tiltaqa' mal-awtriċi u tistaqsiha xi mistoqsijiet.

**10:30 - 11:15**

### Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** | **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 11:00 - 12:00

## Iltaqgħu mal-Karattri Kkuluriti ta' Perlina TV! Filmati għal Tfal bejn 0–9 snin

**Perlina TV** **It-Teatru**

Jixxandru filmati u siltiet awdjoviżivi mill-programmi tal-app ġdida Perlina TV, li se jkun fiha materjal edukattiv u oriġinali bil-Malti għat-tfal bejn 0 u 9 snin. Ingħaqad magħna għal togħma ta' din il-pjattaforma, li se tkun aċċessibbli għall-pubbliku bħala sit online u anke app minn App Store u Google Play fil-ġimgħat li ġejjin!

## 12:00 - 13:00

## Sessjoni ta' Qari Inklussiva

**Inspire Malta** **Il-Kamra Sensorja**

Ingħaqdu magħna għal sessjoni interattiva, maġika u inklussiva magħmula apposta għal tfal b'diżabbiltà. Din l-attività speċjali tfittex li tagħti esperjenza ferriħija u li żżommok sabiex kull tifel u tifla jipparteċipaw u jieħdu gost.

## 12:30 - 13:30

## 'L Hinn mill-Kick-Off: Il-Kitba Sportiva f'Malta

**KNK u DFG Lab** **Is-Sala tal-Kittieba**

B'liema modi uniċi jiltaqgħu l-isports u l-kultura fil-kuntest Malti u anki dak usa'? Din id-diskussjoni se tiffoka fuq il-kitba tal-isports jew kif l-isports jidher fil-letteratura Maltija, aspett li ma ġiex diskuss jew esplorat wisq. Mark Vella se jimmodera diskussjoni bil-parteċipazzjoni ta' Giovanni di Giorgi, l-editur ta' DGF Lab li jorganizza l-Premio Invictus għal-letteratura sportiva. Jingħaqdu magħhom il-ġurnalist Charles Camenzuli u l-awtriċi Maria Borg Cremona.

## 13:00 - 13:30

## Mini Workshops Kreattivi

**Inanna Publishers** **L-Istand ta' Inanna Publishers 32**

Oħloq markapaġna oriġinali għalik ispirata mill-Ewwel Maltin u tgħarraf dwar is-simboliżmu dettaljat tagħhom! Se jsiru workshops żgħar ta' kwarta kull wieħed mill-awtriċi Veronica Veen li se jittellgħu fl-istand ta' Inanna Publishers. **Irreġistra fuq l-istand bejn nofsinhar u n-nofssiegħa.**

## 13:30 'il quddiem

## L-E.T. il-President Myriam Spiteri Debono Tiffirma *Tisjir mill-Qalb*

**Agenda Bookshop** **L-Istand tal-Agenda Bookshop 41**

Sessjoni ta' ffirmar tal-ktieb *Tisjir mill-Qalb* mill-E.T. il-President ta' Malta Myriam Spiteri Debono b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

**14:00 - 15:00**

## Tnedija ta' *Leħen il-Malti* – Għadd 43

**L-Għaqda tal-Malti – Università** | **Is-Sala tal-Kittieba**

Bħal kull sena, l-Għaqda se tagħti togħma ta' x'jistgħu jsibu l-qarrejja fir-rivista annwali tagħha. Dan se tagħmlu permezz ta' interpretazzjonijiet varji ta' xi wħud mill-poeżiji, novelli, traduzzjonijiet u studji li ntgħażlu għal din l-edizzjoni ta' *Leħen il-Malti*.

**14:00 - 15:00**

## Mill-Passjoni għall-Professjoni: Introduzzjoni tal-MEIA għall-Għanijiet Settorjali Marbuta mal-Letteratura

**Malta Entertainment Industry and Arts Association (MEIA)** | **Is-Sala tal-Qarrejja**

Il-workshop huwa mmirat għall-pubblikaturi, kittieba u awturi, u se jservi wkoll ta' sessjoni introduttorja għaż-żieda l-ġdida mal-għanijiet settorjali kreattivi tal-MEIA. L-għan ta' dan il-workshop huwa li jrawwem djalogu miftuħ dwar il-professjonalizzazzjoni tal-industrija letterarja f'Malta. Il-parteċipanti se jesploraw aspetti kritiċi tal-mogħdija fix-xena letterarja ta' Malta, u jindirizzaw il-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' strateġiji effettivi u sfidi għal din il-mixja. Is-sessjoni se tenfasizza strateġiji għat-titjib tal-iżvilupp professjonali ta' individwi involuti fis-settur tal-letteratura, u fl-aħħar mill-aħħar timmira li tagħti s-setgħa lil dawk li jattendu biex jirnexxu fil-karrieri letterarji tagħhom.

**15:30 - 16:30**

## Fejn Sejjer ir-Rumanz Malti?

**KNK** | **Is-Sala tal-Kittieba**

Ingħaqad mal-KNK għal diskussjoni fuq il-qagħda tal-letteratura fittizja f'Malta, immoderata mil-lettur u l-awtur David Aloisio. Il-kittieba Maltin huma konxji tal-letterarjetà fil-proża fittizja? Kemm tingħata importanza għal dak li nkiteb qabel? U l-awturi tagħna jkunu fuq ix-xwiek jistennew il-manuskritt tagħhom editjat, saħansitra mbiċċer, jekk hemm bżonn? Jieħdu sehem l-aġġudikanti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb Omar N'Shea u Maria Theuma, l-awtur u l-lettur Immanuel Mifsud, kif ukoll Daniel Cossai, reċensur tal-paġna letterarja fuq l-*ILLUM*.

**15:30 - 16:30**

## L-Istatus tal-Artist: Sessjoni ta' Taħriġ Esploratorja

**Il-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)** | **Is-Sala tal-Qarrejja**

Din is-sessjoni, li tifforma parti mill-impenn tal-Kunsill Malti għall-Arti biex javvanza l-istatus tal-artisti u l-kreattivi, se tkun tikkonsisti minn diskussjoni miftuħa dwar iċ-Charter tal-Istatus tal-Artist, u tesplora xenarji u riżultati possibbli u ideali fil-kuntest lokali.

**16:00 - 17:00**

## Niltaqgħu mal-Awtriċi: Lorraine Galea

**Pandora Books** **L-Istand ta' Pandora Books 39**

Lorraine Galea hija awtriċi Maltija li kitbet varjetà ta' kotba għall-kbar u ż-żgħar. Tista' tkun minn tal-ewwel li tixtri l-ktieb il-ġdid tagħha, *L-Akbar Ħabib Tiegħi: Infittxu lil Jacques* u tieħdu d-dar miegħek iffirmat mill-awtriċi.

**16:30 - 17:30**

## Daniel Massa, Laqgħa mal-Poeta

**Kotba Calleja** **Ir-Rokna tal-Ktieb**

Intervista ma' Daniel Massa dwar ix-xogħol letterarju u l-viżjoni artistika tiegħu matul is-snin. Matul l-avveniment  il-pubbliku jkun jista' jiltaqa' u jitkellem mal-poeta.

**17:00 - 19:00**

## Wiri ta' Film u Bibita mal-Ħbieb: Prof. Daniel Massa, Rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023 għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura

**KNK** **It-Teatru**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jonora lil Daniel Massa, li s-sena l-oħra rebaħ il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura, permezz tal-wiri ta' dokumentarju maħdum minn Blank Canvas Creatives. Wara d-dokumentarju l-awturi r-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb se jkollhom ċans iqattgħu ftit ħin jitħaddtu. Bi pjaċir nistednukom tisimgħu mużika live mill-kantanta Kym Pepe u l-mużiċist Jimmy Bartolo, li addattaw il-lirika ta' Massa għall-mużika.

**17:00 - 18:00**

## Niċċelebraw il-Letteratura Taljana

**Istituto Italiano di Cultura** **Is-Sala tal-Qarrejja**

Attività dwar il-letteratura u l-pubblikazzjoni Taljana organizzat mill-Istitut Kulturali Taljan f'Malta. **Għal aktar dettalji, żur iicvalletta.esteri.it/it jew facebook.com/Istitutoitalianodicultura.valletta.**



## Inti awtur, illustratur, traduttur, editur jew pubblikatur? Interessat tattendi masterclass jew workshop dwar is-sengħa jew professjoni tiegħek?

## Skennja dan il-kodiċi QR biex tkun taf aktar, u tinsiex tirreġistra!

**Dinja ta' Kitba**
Masterclass tal-Kitba Kreattiva ma' Anthony Horowitz

**Minn Tema għal Illustrazzjoni (Età 14+)**
Workshop minn Ed Dingli

**Żviluppa l-Finzjoni Tiegħek**
Workshop ma' Richard Skinner mill-Faber Academy

**Mill-Abbozz għas-Suq**
MuT mal-aġent letterarju Jonathan Lloyd (Curtis Brown)

**Introduzzjoni Prattika għal-Legatura tal-Kotba (Etajiet 8–12)**
Workshop minn Glen Calleja

**Introduzzjoni Prattika għal-Legatura tal-Kotba (Età 14+)**
Workshop minn Glen Calleja

**Mill-Kunċett għall-Animazzjoni**
Ix-Xogħol ta' Kyle Xuereb Cunningham għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb

**Speed Dating Letterarja**
Tkellem ras imb ras ma' professjonisti fil-qasam tal-kotba



# L-ESEBITURI

## L-AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, hija responsabbli għall-promozzjoni u t-titjib tal-litteriżmu qalb it-tfal minn etajiet bikrin sa tmiem l-età uffiċjali tal-iskola madwar il-Gżejjer Maltin.

**National Literacy Agency, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun**
**T: +356 25982992 | E: nla@ilearn.edu.mt**
**nla.gov.mt**

## ACM - IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa l-aġenzija nazzjonali għall-iżvilupp u l-investiment fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-Kunsill jamministra portafoll ta' finanzjament għas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-programmi ta' finanzjament nazzjonali tiegħu. Il-missjoni tiegħu hija mmexxija mill-impenn favur id-drittijiet kulturali u l-investiment fl-arti sabiex tissaħħaħ l-ekoloġija kreattiva u kulturali ta' Malta.

**TG Complex Suite 1, Level 1, Triq Il-Birrerija, Zone 3, Central Business District, Birkirkara CBD 3040**
**T: +356 23347201/02 | E: info.acm@artscouncil.mt**
**artscouncilmalta.gov.mt**

## AGENDA BOOKSHOP

Agenda Bookshop huwa wieħed mill-aktar bejjiegħa tal-kotba u tal-fuljetti importanti f'Malta. Il-ħwienet tal-Agenda jinsabu f'postijiet ċentrali u ewlenin f'Malta, fosthom l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u stabbilmenti ewlenin tax-xiri. Għand Agenda Bookshop issib l-aqwa u l-aħħar kotba li kienu suċċess madwar id-dinja, kif ukoll għażla wiesgħa ta' titli ġodda kuljum. L-għażla ta' kotba għand Agenda tħabbatha ma' dik li joffru ħwienet tal-kotba ewlenin fir-Renju Unit.

**Miller House, Triq L-Esportaturi, Zone 2, Central Business District Birkirkara CBD 2040**
**T: +356 21664488 | E: info@millermalta.com**
**agendabookshop.com**

## AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT

Il-Komunità Musulmana Ahmadiyya hija organizzazzjoni reliġjuża u umanitarja. Hija tinkoraġġixxi djalogu bejn reliġjonijiet differenti u temmen fil-libertà tar-reliġjon. Din il-Komunità tħaddan il-prinċipji tal-paċi, it-tolleranza, l-imħabba u r-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tippromwovi l-edukazzjoni, l-għarfien u l-qari tal-kotba, u għal dan l-għan il-Komunità tippubblika kotba bil-Malti. Il-motto tagħha huwa: "Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd". Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hija magħrufa wkoll għas-sehem attiv tagħha fl-għajnuna soċjali lil dawk fil-bżonn, u tinvolvi ruħha f'ħidma karitatevoli u filantropika.

**30, Turu Rizzo Street, Gżira**
**M: +356 79655255 | E: amjmalta@gmail.com**
**ahmadiyyamalta.org**

## L-AMBAXXATA TA' SPANJA

L-Ambaxxata ta' Spanja se tippreżenta l-programm kulturali tagħha, kif ukoll se tgħarraf lill-pubbliku dwar l-eżamijiet tad-DELE għal studenti tal-Ispanjol.

**E: emb.valletta@maec.es**
**exteriores.gob.es/Embajadas/lavaleta/es/Paginas/index.aspx**

## BENNA

Il-prodotti tal-ħalib tal-Benna magħrufin għal kemm huma friski u ta' kwalità, ġejjin dirett minn baqar lokali. Il-ħalib jinġabar kuljum minn 95 raħħal, u jkun ipproċessat l-M.D.P. bil-magni tagħhom fil-Ħamrun, bl-aħħar teknoloġiji. Il-Benna tassigura li l-ħalib u l-prodotti tagħha jaslu għand il-konsumaturi ta' kull filgħodu fil-ħin, grazzi għall-120 ħaddiem full-time u mal-40 dsitributur self-employed. Il-kwalità hija għal qalb il-Benna, u dan anki bis-saħħa tal-madwar 6,000 baqra li jipprovdu l-prodott fuq 47% ta' art li fuqha jikber il-ħaxix li jieklu. Dax-xogħol lokali jwieżen lill-agrikolturi Maltin u jiggarantixxi li kull prodott tal-Benna jkun frisk u bnin daqslikieku għadu jinħaleb. Sa mill-bidu umli tagħha fl-1938, sal-lum li saret il-kumpanija ewlenija tal-prodotti tal-ħalib f'Malta, il-Benna se tibqa' tonora l-wirt li rawmet u fl-istess ħin tħaddan innovazzjonijiet ġodda, sabiex in-nies li jgħixu f'Malta jibqgħu jsibu l-aħjar prodotti fuq l-ixkaffa ta' kuljum.

**Malta Dairy Products Ltd., Mile End Street, Ħamrun ĦMR 1712**
**T: +356 21224472 | E: info@benna.com.mt**
**benna.com.mt**

## IL-BEŻŻUL BIEŻEL

*Il-Beżżul Bieżel* hija gazzetta komika u satirika Maltija. Tinkludi komiks satiriċi u parodiċi, kif ukoll artikli fuq aħbarijiet kurrenti kemm lokali kif ukoll barranin, relazzjonijiet internazzjonali, inġustizzji soċjali, kummentarju soċjali u politika sottili, fost ħafna oħrajn. Ta' min jgħid li din mhijiex gazzetta politika u ma taqa' taħt l-ebda partit politiku xellugi jew lemini. Madankollu, figuri magħrufa mill-isfera politika Maltija spiss jgħaddu mill-għarbiel newtrali tagħha.

**60, Old Mint Street, Valletta**
**M: +356 79257875 | E: bezzulbiezel@gmail.com**
**bezzulbiezel.com**

## BDL BOOKS

BDL Distribution ilhom imwaqqfin mill-1990, u f'daż-żmien saru d-distributur ewlieni ta' pubblikazzjonijiet fil-ħwienet tal-kotba u ħwienet oħra f'Malta u Għawdex. BDL Publishing, it-tieni pilastru tal-kumpanija, tispeċjalizza f'kotba ta' kwalità li jvarjaw minn letteratura fittizja għat-tfal għal kotba prestiġjużi tal-Melitensia. It-tielet pilastru tal-kumpanija huwa BDL Retail. Il-ħanut ta' San Ġwann jinkludi ġabra estensiva tal-aqwa kotba fejn wieħed jista' jfittex u jixtri direttament minn għażla ta' 'l fuq minn 20,000 titlu.

**13 Giorgio Preca Street, San Ġwann SĠN 3511**
**T: +356 21380351 | E: info@bdlbooks.com**
**bdlbooks.com**

## BONFIRRARO EDITORE

Id-dar tal-pubblikazzjoni Bonfirraro ilha indipendenti mill-1986, u rnexxielha mill-ewwel tiddistingwi ruħha bis-saħħa ta' produzzjoni ta' kotba fittizji ta' kwalità, kif ukoll għall-enfasi tagħha fuq veritajiet storiċi mħabbra għall-ewwel darba, u sensiela ta' esejs u investigazzjonijiet dwar suġġetti ta' impatt soċjali kbir. L-orjentazzjoni ta' din id-dar tal-pubblikazzjoni, li xxaqleb lejn tip ta' letteratura "impenjattiva", tiddetermina l-pubblikazzjonijiet kuraġġjużi li joħduha kontra kull tip ta' inġustizzja, bl-għan li jikontribwixxu lejn il-glieda għall-affermazzjoni tal-libertà, valur li ma tistax taħarbu. B'serjetà, bi spirtu ta' sagrifiċċju u f'konformità mal-prinċipju "L-istorja tagħna hija l-futur 'il fejn interrqu...," Bonfirraro tħobb tħares fit-tul, u tosserva dak li hu lil hinn, ""il barra mill-fruntiera," biex tisfida lilha nnifisha u tirbaħ l-isfidi li għall-ewwel jaf jidhru impossibbli.

**Viale Signore Ritrovato, 5 - 94012 Barrafranca En - Italia**
**T: +39 0934464646 / 3355285510 | E: info@bonfirraroeditore.it**
**bonfirraroeditore.it**

## BOOKENDS

Bookends huwa ħanut il-Fgura li joffri kotba ġodda bi prezzijiet ferm iktar baxxi mill-prezzijiet oriġinali tagħhom. Għandek issib għażla kbira ta' kotba fuq suġġetti differenti. Fis-suq lokali Bookends kiseb reputazzjoni qawwija, kemm għall-kwalità tal-kotba, kif ukoll għall-prezzijiet irħas ħafna.

**T: +356 21664488 | E: info@millermalta.com**

## DELICON BOOKS

Delicon Books hija dar tal-pubblikazzjoni żgħira li twaqqfet fl-2021. L-għan tagħha hu li tippromwovi l-wirt u t-tradizzjonijiet ta' Malta permezz tal-pubblikazzjonijiet tagħha, u li tgħin lil awturi ġodda sabiex iwettqu l-ħolma tagħhom li jistampaw ix-xogħol tagħhom billi joffru pariri u sapport.

**M: +356 79454548 | E: normanchetc@gmail.com**
**delicon.sumupstore.com/category/delicon-books**

## IĊ-ĊENTRU KULTURALI ĊINIŻ F'MALTA

Iċ-Ċentru Kulturali Ċiniż twaqqaf f'Malta bis-saħħa ta' memorandum ta' ftehim bejn il-gvernijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u r-Repubblika ta' Malta, iffirmat fl-2001. Iċ-Ċentru huwa organizzazzjoni kulturali li ma tagħmilx qligħ, u tippromwovi t-tagħrif u l-apprezzament tal-kultura u l-arti Ċiniża permezz ta' attivitajiet kulturali, edukattivi u soċjali. Permezz tal-programmi tiegħu, iċ-Ċentru jixtieq isaħħaħ ir-relazzjonijiet kordjali u kooperattivi bejn iż-żewġ popli. Biex jilħaq dan l-għan, iċ-Ċentru jixtieq joffri servizz ta' kwalità lill-pubbliku Malti, kif ukoll jibni sħubija mill-qrib mas-setturi pubbliċi u privati.

**173 Melita Street, Valletta**
**T: +356 21225055 | E: yuanyuan@chinaculture.org**
**cccmalta.org/en**

## FARAXA PUBLISHING

Faraxa Publishing twaqqfet fl-2011 bil-għan li tippubblika traduzzjonijiet letterarji u mhux għal-lingwa Maltija minn awturi rinomati fid-dinja, kif ukoll ta' dawk inqas magħrufa. Is-Sensiela Traduzzjonijiet Faraxa llum il-ġurnata ddomm numru sabiħ ta' xogħlijiet klassiċi Ewropej maqlubin għall-Malti. Faraxa ppubblikat kotba ta' ġeneri differenti, minn xogħlijiet akkademiċi, mużika klassika, poeżija, filosofija, kotba għaż-żgħażagħ, kif ukoll xogħlijiet ta' fantasija u letteratura għat-tfal.

**T: +356 99820157 | E: info@faraxapublishing.com**
**faraxapublishing.com**

## FONDAZZJONI SAGĦTAR

Fondazzjoni Sagħtar hija għaqda volontorja independenti u awtonoma bla ebda affiljazzjoni politika, li l-għan ewlieni tagħha hu li sservi fis-soċjal u l-edukattiv qalb l-edukaturi u l-istudenti f'Malta u Għawdex. L-iskopijiet prinċipali tal-Għaqda huma: li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-irwol professjonali tal-edukaturi u l-avvanz tal-istudenti; li tipprovdi opportunitajiet għat-titjib professjonali tal-edukaturi; li tniedi proġetti u torganizza attivitajiet bl-għan li jipprovdu taħriġ professjonali lill-edukaturi u jwittu t-triq għall-istudent; li toħloq u tippubblika materjal edukattiv.

**T: 21224909 | E: info@saghtar.org.mt**
**saghtar.org.mt**

## IR-ROKNA FRANĊIŻA

L-Ambaxxata Franċiża, l-Alliance Française u l-Lireka (ħanut tal-kotba Franċiż online) joffru firxa wiesgħa ta' kotba ġodda jew użati bil-Franċiż bi prezzijiet imraħħsa.

**130 Melita Street, Valletta VLT 1121**
**T: +33 689429169 | E: contact.la-valette-amba@diplomatie.gouv.fr**
**mt.ambafrance.org**

## GERMAN-MALTESE CIRCLE / ID-DIPARTIMENT TAL-ĠERMANIŻ, UM

Il-German-Maltese Circle hija organizzazzjoni volontarja li twaqqfet fit-18 ta' Ottubru 1962. L-għan tagħha huwa li "tippromwovi fehim b'saħħtu bejn il-Ġermanja u Malta fl-oqsma relevanti ta' attività u relazzjonijiet, ħlief l-attivitajiet ta' natura politika". Għaldaqstant l-Għaqda ilha mit-twaqqif tagħha torganizza attivitajiet kulturali u korsijiet tal-Ġermaniz kemm għat-tfal u kemm għall-adulti.

Id-Dipartiment tal-Ġermaniż huwa parti mill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Id-Dipartiment joffri l-opportunità li l-istudenti jistudjaw il-Ġermaniż f'firxa ta' korsijiet: korsijiet full-time fl-ewwel grad u dawk suċċessivi (BA Unuri bil-Ġermaniż, BA Ġenerali bil-Ġermaniż, MA u PhD bil-Ġermaniż), korsijiet tal-lingwa part-time għal-livelli kollha tal-lingwa (Ċertifikat/Diploma fil-Profiċjenza tal-Lingwa), u korsijiet part-time filgħaxija għall-pubbliku ġenerali (Ċertifikat/Diploma bil-Ġermaniż).

**Messina Palace, 141 St Christopher Street, Valletta**
**T: +356 21246967 | E: frontoffice@germanmaltesecircle.org**
**germanmaltesecircle.org**

## GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ

L-Għaqda tal-Malti – Università, imwaqqfa minn Rużar Briffa u Ġużè Bonnici fl-1931, hi għaqda studenteska bl-għan li tippromwovi l-Malti u l-oqsma kollha marbuta miegħu mal-istudenti u lil hinn. L-għanijiet tal-Għaqda huma li: taħdem għall-għarfien sħiħ tal-ilsien Malti fl-oqsma kollha tal-ħajja u tal-kultura Maltija; tqanqal interess u studji fil-lingwa u fil-letteratura Maltija, kemm fost l-istudenti tal-Università u ta' istituzzjonijiet edukattivi oħra, kif ukoll qalb il-pubbliku ġenerali u l-awtoritajiet; tħaddem u tħarreġ kompetenzi u mezzi relevanti għall-oqsma letterarji u lingwistiċi tal-Malti; tfakkar awturi Maltin, jew oħrajn li kitbu dwar il-Malti jew bil-Malti; tgħin lill-istudenti biex itejbu l-ħiliet fil-kitba u jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom fil-pubblikazzjonijiet tal-Għaqda tal-Malti.

**Uffiċju 3, Dar l-Istudent, L-Università ta' Malta, Tal-Qroqq, Msida**
**T: +356 99071467 | E: info@ghmu.org.mt**
**ghmu.org.mt**

## HERITAGE MALTA PUBLISHING

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali tal-mużewijiet, il-konservazzjoni u l-patrimonju kulturali. Hija attiva ferm fil-kamp tal-pubblikazzjoni bħala parti mill-isforzi tagħha b'risq id-demokratizzazzjoni tal-patrimonju. Il-firxa ta' xogħlijiet ippubblikati tinkludi katalgi tal-wirjiet, ġabriet ta' studji, kotba għat-tfal, kotba marbuta ma' proġetti ta' konservazzjoni u riġenerazzjoni, u gwidi. Fil-ħarifa tal-2015, Heritage Malta nediet ukoll perjodiku bl-isem *Tesserae*.

**35 Dawret Fra Giovanni Bichi, Kalkara KKR 1280**
**T: +356 22954000 | E: info@heritagemalta.mt**
**heritagemalta.org**

## HORIZONS

Horizons hija waħda mid-djar tal-pubblikazzjoni ewlenin f'Malta, rebbieħa ta' bosta premji letterarji fil-kategoriji differenti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Hija ppubblikat awturi magħrufin u stabbiliti, kif ukoll introduċiet awturi emerġenti. Bħala dar tal-pubblikazzjoni, Horizons tagħti ħafna importanza lir-relazzjoni tagħha mal-awturi u tinvolvihom f'kull pass tal-pubblikazzjoni. Għall-Horizons, kull dettall huwa importanti: mill-editjar għall-qari tal-provi, mill-għażla tat-tipa sad-disinn tal-qoxra. Miġbura flimkien, dawn il-fatturi kollha llum jiddistingwu lill-Horizons minn djar tal-pubblikazzjoni oħra.

**Triq l-Iskultur, Qormi, QRM 3580**
**T: +356 21441604 | E: info@outlook.coop**
**horizons.com.mt**

## INTERNATIONAL HUMAN RIGHTS ART MOVEMENT

Jekk l-arti tieqa, mela dal-fuljett tagħna jista' jitqies bħala linja diretta għal bniedem ieħor, anki jekk ikun baħar 'il bogħod. Is-sabiħ tal-Moviment Artistiku Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (IHRAM) huwa li m'aħniex biss xi suldat ieħor fit-taqtiegħa favur l-ugwaljanza fid-dinja; inservu wkoll bħala spazju ta' sliem fejn ir-rabtiet umani u r-riflessjoni joktru. Nistinkaw għal dinja fejn l-attiviżmu artistiku jkun imweġġaħ bħala jedd uman u għajn ta' bidliet soċjali. L-IHRAM Press inħolqot b'għan sempliċi: li tiċċelebra u twieżen persuni artistiċi mid-dinja kollha fil-bidu ta' triqithom; bl-identità tagħhom kull awtur jew artist tagħna jħallu marka madwarhom, u jitkellmu dwar il-perspettivi uniċi tagħhom fuq kwistjonijiet ta' drittijiet umani. Inqarrbu membri differenti mis-soċjetà bis-saħħa tal-antoloġiji u l-fuljetti letterarji tagħna, minn awturi fl-eżilju jew fir-riskju tiegħu; sa attivisti li jmissu mal-periklu li ġġib magħha l-ġlieda għad-drittijiet u l-ġustizzja f'pajjiżhom; nies kreattivi b'għodda differenti; politiċi nazzjonali u internazzjonali, aġenżiji tal-gvern, mexxejja soċjali u ċelebritajiet.

**4142 73rd Street 5M, Queens, NY 11377 USA**
**T: +44 07308681842 | E: bridget@humanrightsartmovement.org**
**humanrightsartmovement.org/ihraf-books**

## INANNA PUBLISHERS

Inanna Publishers hija dar tal-pubblikazzjoni li tipproduċi kotba dwar l-antropoloġija kulturali, speċjalment dwar il-ħajja tradizzjonali u l-istorja sinjifikanti tal-mara. Tippubblika wkoll kotba dwar il-Preistorja kbira ta' Malta, speċjalment l-era Neolitika, b'enfasi fuq l-Ewwel Maltin (5800-4400 QK) u l-Perjodu tat-Tempji (3600-2400 QK).

**E: maltabooksvv@gmail.com**

## INSPIRE MALTA

L-Inspire tistinka lejn it-trasparenza, il-kontabbiltà u l-innovazzjoni. Il-governanza tagħna tassigura integrità f'kull deċiżjoni li nieħdu, u l-immaniġġjar tal-finanzi jimmassimizza l-impatt tagħna. B'saħħet it-tim dedikat tagħna u s-sapporters ġenerużi, ftit ftit qed noħolqu dinja fejn individwi b'abbiltajiet differenti jkunu jistgħu jilħqu l-milja tagħhom.

**Inspire Malta, BLB801 Bulebel, Żejtun ZTN 3000**
**T: +356 20928100 | E: communications@inspire.org.mt**
**inspire.org.mt**

## L-ISTITUT KULTURALI TALJAN LA VALLETTA

L-Istitut Kulturali Taljan fil-Belt Valletta, li jservi bħala l-Uffiċċju Kulturali tal-Ambaxxata Taljana f'Malta, huwa entità tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni Internazzjonali. Il-missjoni tal-Istitut hija li tippromwovi l-kultura Taljana lil hinn mill-Italja.

**Vecchia Cancelleria, St. George's Square, Valletta VLT 1190**
**T: +356 2122 1462 | E: iiclavalletta@esteri.it**
**iicvalletta.esteri.it/iic_lavalletta/it**

## JENS C. BÜDINGER (AWTUR)

Kittieb awtopubblikat ta' *The Chronicles of Lilith*, serje metafiżika, oskura u fantaxjentifika li tlaqqa' lil *The Lord of the Rings* u *Game of Thrones* ma' *Inception* f'epika narrattiva mimlija azzjoni. L-ewwel żewġ kotba, *The Queen of Shards u The Darkness Within*, ġew ippubblikati fl-2022 u 2023 rispettivament.

**jensbud.com**

## KITE GROUP

Il-kreattività, l-innovazzjoni, il-kwalità għolja u l-interess lejn il-qarreja huma fost l-aktar kunsiderazzjonijiet importanti għal Kite Group. Permezz ta' kull ktieb, Kite Group jimmira li joħloq esperjenza li tagħti gost lill-qarrejja. Dan jgħodd kemm għal min ifittex il-viżiv u anki għal min ifittex il-qari. Fost il-kotba li ġew ippubblikati minn din id-dar tal-pubblikazzjoni, rebbieħa ta' diversi premjijiet, hemm dawk dwar l-arti, il-kultura, bijografiji, stejjer qosra, kotba t'umoriżmu, fotografija, arkitettura, liġi u l-istorja ta' pajjiżna. Kite Group joffri servizz lill-qarrejja u lil kull min irid jippubblika ktieb. Tista' tixtri kotba ppubblikati minn Kite Group fuq www.kitegroup.com.mt u tirċievi skont ta' 25% jekk iddaħħal il-kupun BOOKS25 fi żmien il-Festival.

**13 Triq il-Franġiskani, Ħamrun**
**T: +356 99932592 | E: info@kitegroup.com.mt**
**kitegroup.com.mt**

## KLABB KOTBA MALTIN / MIDSEA BOOKS

Midsea Books Ltd. u Klabb Kotba Maltin huma meqjusa fost il-pubblikaturi ewlenin f'Malta. Id-dar tal-pubblikazzjoni twaqqfet minn Pawlu Mizzi fl-1969 u Il-Gaġġa kien l-ewwel ktieb li ġie mitbugħ fl-1971. Midsea Books u s-sussidjarji tagħha Klabb Kotba Maltin u Heritage Books jippubblikaw ġeneri differenti ta' kotba, minn dawk għat-tfal, rumanzi u novelli, sa storja u kotba tal-arti dwar Malta. Bosta mill-kotba ppubblikati huma rebbieħa ta' premjijiet jew ġew imsemmija fi premjijiet letterarji kemm Malta kif ukoll barra.

**68 Triq il-Karmelitani, Sta Venera, SVR 1724**
**T: +356 21497046 | E: admin@midseabooks.com**
**midseabooks.com**

KOTBA
CALLEJA

## KOTBA CALLEJA

Pubblikaturi u produtturi ta' kotba artiġjanali u prodotti tal-karta maħduma bl-idejn. L-istorja ta' Kotba Calleja tibda mill-imħabba għall-karta bħala materjal umli, uniku u versatili. Hija passjoni li tissarraf fi prodotti ta' kwalità maħduma mill-bidu sal-aħħar f'Malta. Kull parti tal-proċess – kull tinja, kull qtugħ, kull pont ħjata, kull inkollatura – issir bl-idejn, bir-reqqa u bil-paċenzja. Għalhekk uniċi. Kotba Calleja jippubblikaw letteratura li ma tibżax tesperimenta, li tgħarrex fl-idjoma, fil-vokabularji, fis-sintassi għal xbihat li jagħtu identità ġdida lill-poeżija u r-rumanz Malti. Din id-dar ta' pubblikazzjoni tirrappreżenta kemm kittieba stabbiliti kif ukoll poeti u rumanziera ġodda.

**Kotba Calleja c/o Studio Solipsis, 73, Triq il-Kbira, Rabat**
**T: +356 99236238 | E: info@kotbacalleja.net**
**kotbacalleja.net**

MALTA LIBRARIES

## MALTA LIBRARIES

Malta Libraries hija l-entità responsabbli għall-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, il-Librerija Nazzjonali (Għawdex), il-Librerija Ċentrali Pubblika, il-Librerija Pubblika ta' Għawdex, il-Libreriji Pubbliċi Reġjonali u Lokali f'Malta u Għawdex u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Bibljografija. Bħala entità, Malta Libraries twaqqfet bl-Att Dwar il-Libreriji Maltin (Att VII tal-2011), flok dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Libreriji.

**T: +356 25983550 | E: customercare.cpl@gov.mt**
**maltalibraries.gov.mt**

malta online bookshop

## MALTA ONLINE BOOKSHOP

Ħanut tal-kotba virtwali mwaqqaf mis-Sur Patrick Anastasi aktar minn 25 sena ilu, li jispeċjalizza fil-Melitensia, f'kotba rari u antiki mitbugħa f'Malta jew minn awturi Maltin.

**T: +356 99445590 | E: info@maltaonlinebookshop.com**
**maltaonlinebookshop.com**

MALTA UNIVERSITY DISTRIBUTORS

## MALTA UNIVERSITY DISTRIBUTORS

Mindu bdiet fl-1995, il-Malta University Distributors kienet parti integrali fil-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet skulari u journals ta' riċerka fl-oqsma tal-istudji kollha fl-Università ta' Malta. Il-pubblikazzjonijiet tagħna jweġġħu l-wirt kulturali għani ta' Malta, u jinkludu kotba tal-iskejjel għall-eżamijiet tal-matrikola u għall-korsijiet universitarji. Kburin bil-kotba ta' kwalità għolja li nipproduċu – mirfudin minn dedikazzjoni għall-avvanz tal-għarfien u l-edukazzjoni – li huma ta' servizz kemm għall-komunità akkademika u anki għall-pubbliku ġenerali.

**Malta University Holding Company Ltd, Level 7, Campus Hub, Block O, University of Malta, Msida MSD 2080**
**T: +356 23408909 / 23408906 | E: mudis@muhc.com.mt**
**muhc.com.mt/services/publishing**

## IS-SOĊJETÀ MALTIJA GĦAL ĊIVILIZZAZZJONI KRISTJANA – PRO MALTA CHRISTIANA

Is-Soċjetà Maltija għal Ċivilizzazzjoni Kristjana hija għaqda ċivika u kulturali b'ispirazzjoni Kattolika. Tippromwovi u tiddefendi t-3 pilastri taċ-Ċivilizzazzjoni Kristjana, li huma t-Tradizzjoni, il-Familja u l-Proprjetà Privata. Din is-soċjetà torganizza konferenzi, tnedijiet ta' kotba u attivitajiet ċiviċi/kulturali oħra għall-pubbliku biex tiddefendi l-valuri tċ-ċivilizzazzjoni Kristjana.

**T: +356 21337182 | E: info@msfcc.org**
**msfcc.org**

## MELI BOOKSHOP

Meli Bookshop għandu żewġ ħwienet li t-tnejn jinsabu fil-belt kapitali, il-Belt Valletta. L-ewwel ħanut infetaħ fl-1965 u wara xi żmien, infetaħ ieħor. Wieħed mill-ħwienet jinsab fi 52, Triq Santa Luċija fejn wieħed jista' jsib l-aħħar taħlita ta' kotba Melitensia u rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż. Il-ħanut jipprovdi wkoll kotba għat-tfal u kotba tat-tisjir. Il-ħanut l-ieħor jinsab fi Triq il-Forn il-Qadim, bin-numru 185. F'dan il-ħanut wieħed jista' jfittex f'varjetà kbira ta' letteratura klassika kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija bi prezzijiet imraħħsa. Hemm ukoll ħafna rumanzi bl-Ingliż, kotba tal-fantaxjenza, kotba tal-fantasija, kotba tal-orrur, kotba tal-qtil u ħafna aktar! Wieħed jista' jsib kotba tat-tisjir, tal-ivvjaġġar u kotba ġenerali oħra hawn ukoll. Għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena, il-ħanut tal-kotba Meli se jkollu kampjun ġdid ta' kotba bl-Ingliż li tista' ssibhom fil-ħwienet tagħhom!

**185, Triq l-Ifran, Valletta**
**T: +356 21237266 | E: transit185@gmail.com**
**facebook.com/Meli-Book-Shop-1502284266653728**

## IL-KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħin awturi lokali biex jippubblikaw il-kotba tagħhom bħala parti mis-serje tiegħu 'Ħannieqa Kotba Melleħin'. Dawn huma ppubblikati bil-Malti jew bl-Ingliż u taħt ġeneri differenti, fosthom letteratura fittizja, mhux fittizja u poeżiji. Il-kunsill huwa kommess biex jgħin awturi mil-lokalità biex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom u jagħmluhom aktar aċċessibli għall-pubbliku ġenerali.

**126, Triq il-Mithna l-Ġdida, Mellieħa MLĦ 1107**
**T +356 21521333 | E: mellieha.lc@gov.mt**
**mellieha.gov.mt**

## MERLIN PUBLISHERS

Merlin Publishers twaqqfet fl-1964, u minn dakinhar kbirna u sirna l-aktar pubblikatur innovattiv u eċitanti f'Malta. Il-Merlin kburin bil-lista ta' kotba ppubblikati minna, mogħnija minn awturi ewlenin u oħrajn li aħna stess qed inrawmu fit-triq tal-pubblikazzjoni bis-saħħa ta' stili u espressjonijiet innovattivi. Bħala rebbieħa tal-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra għal diversi drabi, Merlin Publishers jinsab fuq quddiem nett għall-kwalità tal-produzzjoni, id-disinn, id-dehra finali tal-ktieb, u l-marketing. Il-kotba tal-Merlin dehru fil-fieri tal-kotba fi Frankfurt, Londra u Bolonja.

**42 Mountbatten Street, Blata l-Bajda HMR 1574**
**T: +356 21246472 | E: info@merlinpublishers.com**
**merlinpublishers.com**

## MERLIN LIBRARY

Merlin Library ilu jissupplixxi kotba lill-iskejjel primarji, sekondarji u postsekondarji mill-1978. Wieħed mill-ħwienet li għandna u li jinsab Blata l-Bajda huwa l-uniku ħanut ġo Malta li jġib il-kotba tal-iskola tul is-sena kollha. Issibilna wkoll għażla wiesgħa ta' materjal għar-reviżjoni għal ħafna mis-suġġetti. Nispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal u kontinwament inġibu eluf ta' kotba għal tfal ta' bejn it-3 xhur sal-età żagħżugħa. Għandna selezzjoni kbira ta' kotba fittizji u mhux fittizji u oħrajn ta' interess ġenerali għall-adulti. Spiss ikollna wkoll offerti speċjali għal tfal li huma membri fil-Wizzies Club. Merlin Library kien l-ewwel li introduċa lill-awturi tal-kotba tat-tfal fl-iskejjel Maltin, b'dawn l-awturi jitkellmu mal-istudenti u jħeġġuhom jaqraw aktar. Fl-2003, Lynne Reid Banks kienet l-ewwel awtriċi li Merlin Library ġab Malta, u wara din kien hemm ħafna oħrajn.

**Mountbatten Street, Blata l-Bajda / Bisazza Street, Sliema**
**T: +356 2133 0886 | E: mail@merlinlibrary.com**
**merlinlibrary.com**

## PANDORA BOOKS

Pandora Bargain Books toffri varjetà kbira ta' kotba bil-Malti u bl-Ingliż bi prezzijiet imnaqqsa kemm għall-adulti, kif ukoll għat-tfal. Barra minn hekk, taħt l-isem Pandora Publications, jiġu ppubblikati kotba bil-Malti bi prezz li huwa aċċessibbli għal kull familja f'Malta.

**Pandora, Roger Debattista Street, Ħamrun**
**T: +356 9966 7522 | E: info@maltabooks.com**
**maltabooks.com**

## PRECA BOOKSHOP

Fl-1975 is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala M.U.S.E.U.M. żviluppat ħanut tal-kotba, illum stabbilit sewwa, bl-isem tal-fundatur tagħha, Librerija Preca. Il-ħanut jispeċjalizza fil-bejgħ ta' letteratura reliġjuża u riżorsi multimedjali oħra minn bosta mid-djar tal-pubblikazzjoni ewlenin fl-Ewropa, l-Asja u l-Amerika ta' Fuq. F'Novembru 1997 il-ħanut tal-kotba mexa għal żona aktar spazjuża u ddisinjata speċifikament għalih fid-Dar Ċentrali tas-Soċjetà fi Blata l-Bajda, li toffri aċċess aħjar għall-pubbliku ġenerali. Minbarra l-varjetà kbira ta' kotba spiritwali, Librerija Preca toffri varjetà kbira ta' tifkiriet Nisranin għall-okkażjonijiet kollha: Il-Milied, Il-Ġimgħa Mqaddsa, Tiġijiet, il-Magħmudija, it-Tqarbina, il-Griżma, Jum it-Twelid, u aktar.

**205, Triq San Ġorġ Preca, Marsa MRS 9090**
**T: +356 21222626 | M: 79222625 | E: precabookshop@gmail.com**
**librerijapreca.com**

## SKS PUBLISHERS

SKS Publishers hija dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Malta li tispeċjalizza prinċipalment fil-ġeneri tal-istorja, il-letteratura, it-teorija politika, il-kultura, u l-bijografija. SKS tirsisti biex tinforma u teduka lill-pubbliku ġenerali billi tippubblika kotba ta' kwalità għolja bbażati fuq fehim liberali tal-ħajja, tal-istorja u tal-letteratura. Tgħin kittieba u riċerkaturi ta' konvinzjoni simili jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom, u biex jikkontribwixxu lejn l-arrikkiment soċjali, kulturali, intellettwali u nazzjonali.

**Ċentru Nazzjonali Laburista, Triq Mile End, Ħamrun**
**M: +356 79538379 | E: maltana2002@yahoo.com**
**skspublishers.com**

## SERVICE DOGS MALTA FOUNDATION

Il-missjoni tagħna hi li niżguraw li kull persuna li potenzjalment tista' tibbenifika mill-għajnuna ta' klieb tas-servizz ma titħallhiex mingħajru.

**T: + 356 79617814 | E: joseph.stafrace@icloud.com**
**servicedogsmalta.org**

## L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

L-Università ta' Malta – irrappreżentata minn THINK Magazine, UM Library u Malta University Press – qed tagħmel id-debutt tagħha fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Magħquda fl-ispirtu tal-esplorazzjoni, il-missjoni tagħna hija li nesebixxu l-għarfien u l-innovazzjoni tal-akkademiċi u l-istudenti tal-Università. Ir-rivista tar-riċerka uffiċċjali tagħna, THINK, qed tippromwovi dan l-għan billi taqsam riċerka kurrenti mill-Università fil-pubblikazzjonijiet tagħha. Dis-sena, il-Librerija tal-Università qed tfakkar l-għaxar sena mill-aċċess miftuħ għar-riċerka (OAR) biex tagħti aċċess wiesa' għall-għarfien. Mill-banda l-oħra, l-MUP tipproduċi u tiddistribwixxi pubblikazzjonijiet akkademiċi li jiġbru fi ħdanhom l-essenza tal-esplorazzjoni, il-kreattività u l-arrikkiment kulturali fil-komunità dinjija tal-letteratura.

**L-Università ta' Malta, Msida MSD 2080**
**T: +356 23402340 | E: info@um.edu.mt**
**um.edu.mt**

## UXBT LTD

Kotba dwar l-Ekonomija u l-Filosofija Politika.

**T: +356 77717110 | E: uxbt.ltd@gmail.com**
**usemlab.com**

## WIRT IŻ-ŻEJTUN

Wirt iż-Żejtun hija organizzazzjoni lokali mhux governattiva (NGO) li taħdem fis-settur tal-wirt. Twaqqfet fuq inizjattiva ta' grupp ta' nies, l-aktar żgħażagħ miż-Żejtun, permezz ta' riżoluzzjoni approvata waqt laqgħa formali li saret fit-3 ta' Ottubru 2010. Il-viżjoni tagħna hija li fl-iqsar żmien possibbli nimmotivaw lin-nies taż-Żejtun biex jifhmu l-bżonn li napprezzaw, nirrispettaw u nieħdu ħsieb il-wirt naturali, kulturali, ambjentali, storiku, etnografiku u arkeoloġiku taż-Żejtun u n-nies tagħha.

**Wirt iż-Żejtun, Kaxxa Postali 25, Iż-Żejtun ZTN1000**
**M: +356 99467775 | E: wirtizzejtun@gmail.com**
**wirtizzejtun.com**

## WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA

Wikimedia Community Malta (WCM) huwa grupp ta' nies li jużaw il-wiki f'Malta. L-għan ta' dan il-grupp huwa li jinkoraġġixxi aktar attività madwar ħidma fuq xi wiki jew ieħor, permezz ta' diversi attivitajiet, proġetti, kollaborazzjonijiet, taħriġ u xogħol simili. Nagħtu attenzjoni speċjali lill-Wikipedija, il-Wikipedija bil-Malti, u Wikidata, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-Malti u informazzjoni ta' kwalunkwe tip dwar Malta. WCM huwa affiljat mal-Kumitat tal-Affiljazzjonijiet tal-Fondazzjoni Wikimedia.

**E: mail@wikimalta.org | T: +356 79050677**
**wikimalta.org**




# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2024

## L-ESEBITURI

1. Horizons
2. Klabb Kotba Maltin | Midsea Books
3. Klabb Kotba Maltin | Midsea Books – Special Prices
4. Faraxa Publishing
5. SKS Publishers
6. Kotba Calleja
7. Għaqda tal-Malti - Università
8. Meli Bookshop
9. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
10. Book Distributors Ltd
11. Jens C. Budinger (Author)
12. Il-Beżżul Bieżel
13. University of Malta
14. Malta University Distributors
15. Heritage Malta Publishing




16 Merlin Publishers
17 Merlin Library
18 Bonfirraro Editore
19 Istituto Italiano di Cultura La Valletta
20 China Cultural Centre in Malta
21 Maltese Society for Christian Civilisation - Pro Malta Christiana
22 Embassy of Spain
23 German-Maltese Circle / Department of German, UM
24 The French Corner
25 Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
26 Delicon Books
27 Kite Group
28 Malta Libraries
29 Wirt Iż-Żejtun
30 Mellieħa Local Council
31 Librerija Preca
32 Inanna Publishers
33 Service Dogs Malta Foundation
34 Bookends
35 uXBT ltd
36 Fondazzjoni Sagħtar
37 Wikimedia Community Malta
38 International Human Rights Art Movement
39 Pandora Books
40 Malta Online Bookshop
41 Agenda Bookshop
42 Inspire Malta
43 Benna
44 Arts Council Malta

# It-Tim tal-Festival jirringrazzja lil

L-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma
Ali al-Shaali
Alberta
Alpha Medical
L-Ambaxxata Irlandiża għal Malta
Annalisa Schembri
Anthony Horowitz
Antonella Axisa
APS Bank
Il-Kunsill Malti għall-Arti (ACM)
Benna
Blank Canvas Creatives
DFG Lab
Ed Dingli
Emma Mattei
Faber Academy
Glen Calleja
Gutenberg Press
Inspire Malta
Jacob's Brew
James Corby
Jimmy Bartolo
Joey Connolly
Jonathan Lloyd
Kat Storace
Kyle Xuereb Cunningham
Kym Pepe
Loranne Vella u Joe Gatt
Malta Community Chest Fund
Malta Community of Illustrators
Malta Entertainment Industry and Arts Association
Iċ-Ċentru għall-Fieri u l-Kunvenzjonijiet (MFCC)
Mark Vella
MCAST
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)
Paul Lynch
Piscopo Gardens
Richard Skinner
Simon Trewin
Steve Hili
Thunder Beat
Twilight
Water Services Corporation
White Noise
Wikimedia Community Malta
XV Solutions
Yaza Software
Zaffarese Ltd

Ħajr speċjali lill-esebituri u lil dawk il-ħabbieba kollha tal-kotba li għażlu l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb

Illustrazzjonijiet ta' **Ed Dingli**
Disinn tal-programm minn **Sarah Cachia Falzon**

# #dinjietjirrimaw

## Fi sħubija ma'

APS bank
values you can bank on

inspire

PISCOPO gardens

water services corporation

THE ENERGY & WATER AGENCY

Benna
Fresh Milk Products

Ambasáid na hÉireann
Embassy of Ireland

THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION

JACOB'S BREW CAFE

ARTS COUNCIL MALTA

MCofI
MALTA · COMMUNITY · OF · ILLUSTRATORS

MCAST

DĦUL B'XEJN

**Erb 6 ta' Novembru**
09:00 - 13:00
17:00 - 21:00

**Ħam 7 ta' Novembru**
09:00 - 13:00
17:00 - 21:00

**Ġim 8 ta' Novembru**
09:00 - 13:00
17:00 - 22:00

**Sibt 9 ta' Novembru**
09:30 - 22:00

**Ħadd 10 ta' Novembru**
09:30 - 20:00

# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2024

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

ktieb.org.mt
@maltabookfestival